REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/114

tat-23 ta' Jannar 2025

li jimponi dazji kumpensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara reviżjoni ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni kontra importazzjonijiet sussidjati minn pajjiżi li mhumiex membri tal-Unjoni Ewropea ([1]) ("ir-Regolament bażiku"), u b'mod partikolari l-Artikolu 18 tieghu,

Billi:

1. PROĊEDURA

1.1. Miżuri fis-seħħ

(1) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/72 ([2])("ir-regolament oriġinali"), il-Kummissjoni Ewropea ("il-Kummissjoni") imponiet dazju kumpensatorju fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ir-RPĊ jew "il-pajjiż ikkonċernat" jew "iċ-Ċina"). Id-dazji kumpensatorji attwalment fis-seħħ ivarjaw minn 3,9 % sa 17,2 % ("il-miżuri oriġinali"). L-investigazzjoni li wasslet għall-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali minn hawn 'il quddiem se tissejjaħ "l-investigazzjoni oriġinali".

(2) Wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-kawża T-243/19, id-dazji kumpensatorji ġew imposti mill-ġdid fuq Giant Electric Vehicle (Kunshan) Co., Ltd f'Marzu 2023 permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/610 ([3]). Id-dazju impost mill-ġdid ġie stabbilit fl-istess livell bħal fir-Regolament oriġinali. Għalhekk, ir-rati tad-dazju kumpensatorju attwalment fis-seħħ huma dawk li ġew stabbiliti bir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72.

(3) Permezz tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/73 ([4]), il-Kummissjoni imponiet ukoll miżuri anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw miċ-Ċina. Id-dazji anti-dumping attwalment fis-seħħ jvarjaw minn 9,9 % sa 70,1 %.

1.2. Bidu ta' reviżjoni ta' skadenza

(4) Fis-17 ta' Jannar 2024, il-Kummissjoni bdiet reviżjoni ta' skadenza fir-rigward tal-importazzjonijiet lejn l-Unjoni ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq il-bażi tal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku. Hija ppubblikat Notifika tal-Bidu (IATE) f'Il-*Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* ([5]) ("in-Notifika tal-Bidu").

([1]) ĠU L 176 30.6.2016, p. 55, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/1037/oj.

([2]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/72 tas-17 ta' Jannar 2019 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 16, 18.1.2019, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/72/oj).

([3]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/610 tas-17 ta' Marzu 2023 li jimponi mill-ġdid dazju kompensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fir-rigward ta' Giant Electric Vehicle (Kunshan) Co., Ltd wara s-sentenza tal-Qorti Ġenerali fil-Kawża T-243/19 (ĠU L 80, 20.3.2023, p. 54, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/610/oj).

([4]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/73 tas-17 ta' Jannar 2019 li jimponi dazju anti-dumping definittiv u jiġbor b'mod definittiv id-dazju proviżorju impost fuq l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 16 18.1.2019, p. 108, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2019/73/oj).

([5]) In-Notifika tal-bidu ta' rieżami ta' skadenza ta' miżuri antisussidji applikabbli għall-importazzjoni ta' roti elettriċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU C, C/2024/798, 17.1.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/C/2024/798/oj).

(5) Il-Kummissjoni bdiet l-investigazzjoni wara talba għal reviżjoni li ġiet ippreżentata fis-16 ta' Ottubru 2023 mill-Assoċjazzjoni Ewropea tal-Manifatturi tar-Roti ("it-talba" u "r-rikorrent") f'isem l-industrija tal-Unjoni tar-roti elettriċi fis-sens tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament bażiku. It-talba kien fiha evidenza ta' probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar u rikorrenza ta' dannu lill-industrija tal-Unjoni li kienet suffiċjenti biex tiġġustifika l-bidu tal-investigazzjoni.

(6) Qabel il-bidu tar-reviżjoni ta' skadenza, il-Kummissjoni nnotifikat lill-Gvern taċ-Ċina (il-"GTĊ") ([6]) li kienet irċeviet talba dokumentata kif xieraq, u stiednet lill-GTĊ għal konsultazzjonijiet f'konformità mal-Artikolu 10(7) tar-Regolament bażiku. Il-GTĊ ma weġibx u għalhekk ma kienx hemm konsultazzjonijiet.

1.3. **Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni u l-perjodu kkunsidrat**

(7) L-investigazzjoni dwar is-sussidjar u d-dannu kopriet il-perjodu mill-1 ta' Jannar 2023 sal-31 ta' Diċembru 2023 (il-"perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni" jew l-"RIP"). L-eżami tax-xejriet rilevanti għall-valutazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dannu kopra l-perjodu mill-1 ta' Jannar 2020 sa tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni ("il-perjodu kkunsidrat").

1.4. **Partijiet interessati**

(8) Fin-Notifika tal-Bidu, il-partijiet interessati ġew mistiedna jikkuntattjaw lill-Kummissjoni sabiex jipparteċipaw fl-investigazzjoni. Barra minn hekk, il-Kummissjoni infurmat speċifikament lir-rikorrent, lill-produtturi magħrufa kollha tal-Unjoni, lill-produtturi magħrufa fir-RPĊ kif ukoll lill-awtoritajiet tar-RPĊ, lill-importaturi magħrufa, lill-utenti, kif ukoll lill-assoċjazzjonijiet magħrufa li huma mħassba dwar il-bidu tal-iskadenza u stidnithom biex jipparteċipaw.

(9) Il-partijiet interessati kellhom l-opportunità li jikkummentaw dwar il-bidu tar- reviżjoni ta' skadenza u li jitolbu seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni u/jew mal-Uffiċjal tas-Seduta fi proċedimenti kummerċjali. Grupp ad hoc, f'isem 8 kumpanija fl-Unjoni li jarmaw partijiet tar-roti elettriċi importati miċ-Ċina u minn pajjiżi terzi oħra, ippreżenta ruħu u pprovda kummenti. Dawn il-kummenti ma kinux jirrigwardaw il-bidu sa ċertu punt u ġew indirizzati fit-Taqsima 6 dwar l-interess tal-Unjoni hawn taħt. Dan il-grupp talab ukoll seduta ta' smigħ mal-Kummissjoni, li saret fit-30 ta' April 2024.

1.5. **Kampjunar**

(10) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li għandha mnejn tinkludi fil-kampjun il-partijiet interessati f'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku.

1.5.1. *Kampjunar tal-produtturi tal-Unjoni*

(11) Fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni ddikjarat li kienet iddeċidiet li tillimita l-investigazzjoni għal għadd raġonevoli ta' produtturi tal-Unjoni billi tapplika l-kampjunar. Il-Kummissjoni għażlet il-kampjun fuq il-bażi tal-ogħla kwantità rappreżentattiva ta' produzzjoni li tista' tiġi investigata b'mod raġonevoli fiż-żmien disponibbli.

(12) F'konformità mal-Artikolu 27 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni stiednet lill-partijiet interessati biex jikkummentaw dwar il-kampjun provviżorju. Ma wasal l-ebda kumment dwar il-kampjun proviżorju. Il-kampjun huwa meqjus rappreżentattiv tal-industrija tal-Unjoni.

1.5.2. *Kampjunar tal-importaturi*

(13) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-importaturi mhux relatati biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika tal-Bidu.

(14) L-ebda importatur mhux relatat ma wieġeb għall-formola tal-kampjunar.

([6]) F'dan ir-Regolament, it-terminu "GTĊ" jintuża f'sens wiesa', u jinkludi l-Kunsill tal-Istat, kif ukoll il-Ministeri, id-Dipartimenti, l-Aġenziji u l-Amministrazzjonijiet kollha fil-livell ċentrali, reġjonali jew lokali.

1.5.3. *Kampjunar tal-produtturi esportaturi fir-RPĊ*

(15) Biex tiddeċiedi jekk il-kampjunar kienx meħtieġ u, jekk iva, biex tagħżel kampjun, il-Kummissjoni talbet lill-produtturi magħrufa kollha fir-RPĊ biex jipprovdu l-informazzjoni speċifikata fin-Notifika ta' Bidu. Barra minn hekk, il-Kummissjoni talbet lill-Missjoni tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fl-Unjoni Ewropea biex tidentifika u/jew tikkuntattja produtturi oħra, jekk ikun hemm, li jistgħu jkunu interessati li jipparteċipaw fl-investigazzjoni.

(16) Żewġ produtturi esportaturi biss mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina pprovdew tweġiba għall-kampjunar u għalhekk il-kampjunar ma tqiesx li kien meħtieġ. Madankollu, dawn iż-żewġ kumpaniji kienu jirrappreżentaw flimkien inqas minn 0,1 % tal-industrija Ċiniża tar-roti elettriċi f'termini ta' (i) esportazzjonijiet lejn l-Unjoni, (ii) bejgħ domestiku u, (iii) kapaċità ta' produzzjoni Ċiniża fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. Għalhekk, il-Kummissjoni qieset li dawk iż-żewġ kumpaniji ma setgħux jitqiesu rappreżentattivi tal-industrija Ċiniża tar-roti elettriċi għall-fini tal-investigazzjoni għar-reviżjoni ta' skadenza u li l-informazzjoni speċifika għall-kumpanija tagħhom ma kinitx suxxettibbli li tifforma bażi għal sejbiet rappreżentattivi rigward l-esportazzjonijiet kollha mir-RPĊ lejn l-Unjoni.

(17) Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kooperazzjoni mill-produtturi tar-roti elettriċi fir-RPĊ kienet insuffiċjenti biex isiru sejbiet rappreżentattivi u infurmat liż-żewġ kumpaniji, kif ukoll lill-awtoritajiet tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li l-Kummissjoni kellha l-intenzjoni li tapplika l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku u tibbaża s-sejbiet tagħha fuq il-kontinwazzjoni jew ir-rikorrenza ta' sussidju u dannu fir-rigward tal-importazzjonijiet mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina fuq fatti disponibbli.

1.6. **Tweġibiet għall-kwestjonarju u żjarat ta' verifika**

(18) Il-Kummissjoni stiednet liż-żewġ kumpaniji li kienu pprovdew tweġiba għall-kampjunar biex jikkuntattjaw lis-servizzi tal-Kummissjoni f'każ li kellhom l-intenzjoni li jimlew tweġiba għall-kwestjonarju minkejja n-nuqqas ta' rappreżentattività tagħhom tal-industrija tar-roti elettroniċi fir-RPĊ (ara hawn fuq). Fil-bidu tal-investigazzjoni, kopja tal-kwestjonarji saret disponibbli fil-fajl għall-ispezzjoni mill-partijiet interessati u fuq is-sit web tad-DĠ Kummerċ. Ma ġiet ippreżentata l-ebda tweġiba għall-kwestjonarju.

(19) Fit-12 ta' Frar 2024 il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-gvern taċ-Ċina (il-"GTĊ"). Il-GTĊ intalab ukoll jibgħat kwestjonarji speċifiċi lil (i) il-Korporazzjoni tal-Assigurazzjoni tal-Esportazzjoni u l-Kreditu Ċiniża ("Sinosure"), (ii) produtturi u distributuri ta' magni, batteriji u parts u komponenti oħra tar-roti elettriċi u (iii) banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra magħrufa mill-GTĊ li pprovdew self lill-industrija kkonċernata.

(20) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarji msemmija hawn fuq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni infurmat lill-GTĊ permezz tan-Note Verbale tal-5 ta' April 2024 li kellha l-intenzjoni li tapplika l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarji mibgħuta lill-GTĊ u stiednet lill-GTĊ biex jikkummenta dwar dan. Ma wasal l-ebda kumment.

(21) Il-Kummissjoni fittxet u vverifikat l-informazzjoni kollha meqjusa meħtieġa għad-determinazzjoni tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni jew rikorrenza ta' dumping u dannu u tal-interess tal-Unjoni. Iż-żjarat ta' verifika skont l-Artikolu 26 tar-Regolament bażiku twettqu fil-binjiet tal-kumpaniji li ġejjin:

Produtturi tal-Unjoni

— Cube Bikes, il-Ġermanja;

— Accell Hunland, l-Ungerija;

— Cross, il-Bulgarija.

1.7. **Divulgazzjoni**

(22) Fil-25 ta' Ottubru 2024, il-Kummissjoni ddivulgat il-fatti u l-kunsiderazzjonijiet essenzjali li fuq il-bażi tagħhom kien beħsiebha żżomm id-dazji kumpensatorji fis-seħħ. Il-partijiet kollha ngħataw perjodu li fih setgħu jikkummentaw dwar id-divulgazzjoni.

(23) Diversi partijiet interessati ssottomettew kummenti, li ġew ikkunsidrati mill-Kummissjoni u indirizzati fit-Taqsimiet 2.3, 3.9 u 6 hawn taħt. Parti waħda li talbet dan ingħatat seduta ta' smigħ.

2. **PRODOTT TAĦT RIEŻAMI, PRODOTT IKKONĊERNAT U PRODOTT SIMILI**

2.1. **Prodott taħt rieżami**

(24) Il-prodott taħt rieżami huwa l-istess bħal fl-investigazzjoni oriġinali jiġifieri roti, b'assistenza ta' pedali, b'mutur elettriku awżiljarju ("roti elettriċi", li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċi NM 8711 60 10 u ex 8711 60 90 (kodiċi TARIC 8711 60 90 10).

2.2. **Prodott ikkonċernat**

(25) Il-prodott ikkonċernat minn din l-investigazzjoni huwa l-prodott taħt rieżami li joriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina.

2.3. **Prodott simili**

(26) Kif stabbilit fl-investigazzjoni oriġinali, din l-investigazzjoni għar-reviżjoni ta' skadenza kkonfermat li l-prodotti li ġejjin għandhom l-istess karatteristiċi fiżiċi u tekniċi bażiċi kif ukoll l-istess użi bażiċi:

— il-prodott ikkonċernat meta jiġi esportat lejn l-Unjoni;

— il-prodott taħt rieżami li jiġi prodott u jinbiegħ fis-suq domestiku tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina;

— il-prodott taħt rieżami li jiġi prodott u jinbiegħ mill-produtturi esportaturi lill-bqija tad-dinja; u

— il-prodott taħt rieżami li jiġi prodott u jinbiegħ fl-Unjoni mill-industrija tal-Unjoni.

(27) Għalhekk, dawn il-prodotti jitqiesu bħala prodotti simili skont it-tifsira tal-Artikolu 2(c) tar-Regolament bażiku.

(28) Wara d-divulgazzjoni, parti waħda sostniet li l-Kummissjoni jenħtieġ li tispeċifika li l-partijiet importati mill-importaturi eżentati u/jew mill-esportaturi barranin eżentati skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1279 ([7]) jenħtieġ li ma jitqisux bħala l-prodott ikkonċernat. Skont din il-parti, għandu jiġi ċċarat li partijiet tal-prodott ikkonċernat li għandhom jintużaw għall-prodott ikkonċernat mhumiex soġġetti għal dazji kumpensatorji jekk jiġu importati separatament.

(29) Il-Kummissjoni qieset li tali kjarifika ma kinitx iġġustifikata peress li l-partijiet mhumiex koperti mill-miżuri li huma soġġetti għal dan ir-rieżami. Fuq din il-bażi, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

([7]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/1279 tat-8 ta' Mejju 2024 dwar l-eżenzjonijiet mid-dazju anti-dumping estiż fuq ċerti partijiet tar-rota li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina skont ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 88/97 (ĠU L, 2024/1279, 21.5.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/dec_impl/2024/1279/oj).

3. PROBABBILTÀ TA' KONTINWAZZJONI TA' SUSSIDJAR

(30) F'konformità mal-Artikolu 18 tar-Regolament bażiku, u kif iddikjarat fin-Notifika tal-Bidu, il-Kummissjoni eżaminat jekk l-iskadenza tal-miżuri eżistenti x'aktarx li twassal għal kontinwazzjoni ta' sussidjar.

3.1. Nuqqas ta' kooperazzjoni u l-użu tal-fatti disponibbli f'konformità mal-Artikolu 28(1) tar-Regolament bażiku

(31) Fit-12 ta' Frar 2024 il-Kummissjoni bagħtet kwestjonarju lill-gvern taċ-Ċina (il-"GTĊ"). Il-GTĊ intalab ukoll jibgħat kwestjonarji speċifiċi lil (i) il-Korporazzjoni tal-Assigurazzjoni tal-Esportazzjoni u l-Kreditu Ċiniża ("Sinosure"), (ii) produtturi u distributuri ta' magni, batteriji u parts u komponenti oħra tar-roti elettriċi u (iii) banek u istituzzjonijiet finanzjarji oħra magħrufa mill-GTĊ li pprovdew self lill-industrija kkonċernata.

(32) Il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda tweġiba għall-kwestjonarji msemmija hawn fuq. Għaldaqstant, il-Kummissjoni infurmat lill-GTĊ permezz tan-Note Verbale tal-5 ta' April 2024 li kellha l-intenzjoni li tapplika l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku fir-rigward tal-informazzjoni mitluba fil-kwestjonarji mibgħuta lill-GTĊ u stiednet lill-GTĊ biex jikkummenta dwar dan. Ma wasal l-ebda kumment.

(33) Peress li l-kooperazzjoni mill-produtturi tar-roti elettriċi fir-RPĊ kienet insuffiċjenti biex isiru sejbiet rappreżentattivi għall-fini ta' din ir-reviżjoni ta' skadenza (ara l-premessi (16) u (17) hawn fuq) u n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u partijiet rilevanti oħra fir-RPĊ li kienu ntalbu jipprovdu informazzjoni kif deskritt hawn fuq, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, irrikorriet għall-użu tal-fatti disponibbli biex tistabbilixxi l-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' sussidjar tal-industrija tar-roti elettriċi fir-RPĊ.

(34) Għaldaqstant, il-Kummissjoni użat għall-analiżi tagħha l-fatti kollha disponibbli għaliha, b'mod partikolari:

(a) l-informazzjoni li tinsab fit-talba;

(b) is-sejbiet tal-Kummissjoni fl-investigazzjoni oriġinali kif stabbiliti fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72;

(c) is-sejbiet tal-aktar investigazzjonijiet antisussidji reċenti mwettqa mill-Kummissjoni dwar l-industriji mħeġġa fiċ-Ċina, bħal karta fina miksija ([8]) (investigazzjoni CFP), azzar ċatt b'laminazzjoni termali ([9]) (investigazzjoni HRF), fibra tal-ħġieġ bil-filament (investigazzjoni GFR) ([10]), u kejbils fibrottiċi (investigazzjoni tal-OFC) ([11]) fejn ġew eżaminati sussidji simili;

(d) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-finijiet ta' Investigazzjonijiet għall-Protezzjoni tal-Kummerċ. ("Ir-Rapport dwar iċ-Ċina") ([12]).

([8]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1647 tal-21 ta' Awwissu 2023 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' ċerta karta fina miksija li toriġina mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami tal-iskadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 207, 22.8.2023, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1647/oj).

([9]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2023/1123 tas-7 ta' Ġunju 2023 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq importazzjonijiet ta' ċerti prodotti ċatti b'laminazzjoni termali tal-ħadid, azzar mhux illigat jew liga oħra tal-azzar li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami ta' skadenza skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 148, 8.6.2023, p. 84, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2023/1123/oj).

([10]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/328 tal-24 ta' Frar 2021 li jimponi dazju kumpensatorju definittiv fuq l-importazzjonijiet ta' prodotti tal-fibra tal-ħġieġ bil-filament kontinwu li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina wara rieżami skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (UE) 2016/1037 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 65, 25.2.2021, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2021/328/oj).

([11]) Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/72 tat-18 ta' Jannar 2022 li jimponi dazji kompensatorji definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/2011 li jimponi dazji anti-dumping definittivi fuq l-importazzjonijiet ta' kejbils fibrottiċi li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina (ĠU L 12, 19.1.2022, p. 34, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_impl/2022/72/oj).

([12]) SWD(2024)91 finali, 10.4.2024.

3.2. **Kummenti introduttorji dwar l-industrija tar-roti elettriċi fir-RPĊ**

(35) Fl-investigazzjoni oriġinali l-Kummissjoni stabbiliet il-viżjoni tal-GTĊ għat-titjib u l-promozzjoni ta' industriji ewlenin, bħall-industrija tar-roti elettriċi, permezz tal-implimentazzjoni ta' bosta pjanijiet fil-livell nazzjonali, lokali u settorjali. B'mod partikolari, it-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tar-RPĊ li jkopri s-snin 2016–2020 ("it-13-il Pjan ta' Ħames Snin") kien jinkludi vetturi b'enerġija ġdida bħala industrija strateġika ([13]), filwaqt li l-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija Ħafifa għall-istess perjodu (2016–2020), li tħejja mill-GTĊ biex jimplimenta t-13-il Pjan ta' Ħames Snin, u l-Made in China 2025, jidentifika speċifikament l-industrija tar-roti u tal-batteriji bħala industriji ewlenin.

(36) Kif deskritt fir-Regolament oriġinali ([14]), skont il-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija Ħafifa, l-industrija tar-roti u tar-roti elettriċi kienet teħtieġ "Inġinerija ta' Riformazzjoni Teknoloġika" permezz tal- "Industrijalizzazzjoni ta' rota ta' materjal ġdid, trasformazzjoni teknika tal-linja ta' produzzjoni ta' roti elettriċi intelliġenti, li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u effiċjenti u partijiet kruċjali". Dan il-Pjan irrakkomanda wkoll "Il-promozzjoni tal-industrija tar-roti sabiex tiżviluppa f'direzzjoni ħafifa, diversifikata, tal-moda u intelliġenti. It-tħaffif tar-R&Ż u l-applikazzjoni ta' materjal ħafif iżda b'saħħtu, trażmissjoni, sistema tas-sewqan, enerġija ġdida, teknoloġija intelliġenti ta' sensuri u teknoloġija tal-Internet tal-Oġġetti. Enfasi fuq l-iżvilupp ta' roti diversifikati adattati għal skopijiet moda u każwali, eżerċizzju u idoneità, qsim tal-pajjiż fuq distanzi twal u tiwi ta' prestazzjoni għolja, u r-rota elettrika kkonformat mar-rota elettrika standard u intelliġenti bil-batterija tal-litju". Barra dan, il-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija Ħafifa elenka xi miżuri ta' politika konkreti għall-promozzjoni tal-industriji ewlenin, bħal roti elettriċi u industriji tal-batteriji. Hija rreferiet b'mod partikolari għal miżuri bħar-riforma tal-aċċess għas-suq, żieda fl-appoġġ tal-politika tat-tassazzjoni finanzjarja kif ukoll appoġġ finanzjarju.

(37) Barra minn hekk, fil-livell speċifiku tas-settur tal-industrija tar-roti, it-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Industrija tar-Roti u r-Roti Elettriċi (2016-2020), maħruġ mill-Assoċjazzjoni Ċiniża tar-Roti ("CBA", China Bicycle Association) inkluda l-industrija tar-roti fost l-industriji emerġenti u ddikjara: *"l-industriji emerġenti ġew promossi għal-livell ta' strateġija nazzjonali, bħalma huma enerġija ġdida, materjal ġdid, l-Internet, il-konservazzjoni tal-enerġija u l-ħarsien tal-ambjent, u t-teknoloġija tal-informatika, għalhekk, saret xejra inevitabbli għall-industriji tradizzjonali li jidħlu fil-komunità ta' livell medju u livell għoli. Speċjalment wara li l-Ħames Sessjoni Plenarja intervjeniet sabiex "tippromwovi l-iżvilupp ta' traffiku u trasport b'livell baxx ta' karbonju u tinkoraġġixxi l-ivvjaġġar ekoloġiku bir-rota", l-industrija tar-roti ċertament se tgawdi mill-opportunitajiet storiċi ġodda għall-iżvilupp."* It-13-il Pjan tar-Roti kompla jiddikjara li *"l-iskala tal-esportazzjoni tar-roti u l-ispare parts se tibqa' stabbli u l-esportazzjoni tar-roti elettriċi se tiżdied b'mod drammatiku. L-integrazzjoni tal-industrija se tissaħħaħ aktar u l-kontribut tal-intrapriżi ewlenin għall-volum tal-produzzjoni se jaqbeż il-50 %. L-industrija se trawwem, tibni b'mod konġunt u ttejjeb 3-5 raggruppamenti tal-industrija u reġjuni karatteristiċi. Il-proporzjon ta' roti ta' livell medju u ta' livell għoli u roti elettriċi b'batterija tal-litju se jiżdied kull sena"*. Il-kompiti ewlenin fil-Pjan kienu li "jkompli jiġi promoss l-iżvilupp ta' roti diversi, tad-ditta u ta' livell għoli fl-industrija, u li gradwalment jiżdied il-proporzjon ta' persuni li jivvjaġġaw bir-rota u l-proporzjon ta' roti ta' livell medju u għoli; ir-realizzazzjoni tal-batterija tal-litju ħafifa u tar-roti elettriċi intelliġenti u t-titjib kostanti tas-sehem mis-suq ta' roti b'batterija tal-litju u l-proporzjon ta' roti elettriċi għall-esportazzjoni ([15]).

(38) Barra minn hekk, fil-"Katalogu ta' Proġetti ta' Investiment soġġetti għall-Verifika u l-Approvazzjoni tal-Gvern", il-GTĊ kien għamel referenza għal prijoritizzazzjoni miżjuda ta' vetturi li jaħdmu b'enerġija alternattiva, inklużi roti elettriċi: "Il-kapaċità ta' produzzjoni li żżid in-numru ta' vetturi tradizzjonali li jaħdmu bil-fjuwil għandha tkun ikkontrollata strettament b'mod li, fil-prinċipju, manifatturi ġodda ta' vetturi tradizzjonali li jaħdmu bil-fjuwil ma għandhomx ikunu vverifikati u approvati aktar għall-kostruzzjoni. Għandhom isiru sforzi biex jiggwidaw b'mod attiv l-iżvilupp b'saħħtu u ordnat ta' vetturi b'enerġija alternattiva" ([16]).

(39) Barra minn hekk, il-Made in China 2025, id-Deċiżjoni Nru 40 u d-Direttorat Nazzjonali għall-Iżvilupp tax-Xjenza u t-Teknoloġija fuq Terminu Medju u Twil (2006–2020) identifikaw l-industrija tar-roti elettriċi bħala industrija strateġika/imħeġġa ewlenija li l-iżvilupp tagħha għandu jingħata prijorità u jiġi appoġġat ([17]).

([13]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, il-premessi (97) sa (100).
([14]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, il-premessi (101) sa (106).
([15]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, il-premessi 109 sa 113.
([16]) Ibid, il-premessa (114).
([17]) Ibid, il-premessa (129).

(40) Barra minn hekk, l-investigazzjoni oriġinali stabbiliet ukoll li l-GTĊ mhux biss ippromwova l-industrija tar-roti elettriċi iżda wkoll il-partijiet tagħhom, b'mod partikolari l-magni u l-batteriji ([18])permezz ta' diversi pjanijiet fil-livell nazzjonali, reġjonali u settorjali. Notevolment, it-13-il Pjan ta' Ħames Snin irrefera espliċitament għall-appoġġ għall-iżvilupp ta' ħażna tal-enerġija b'effiċjenza għolja filwaqt li l-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija Ħafifa elenka l-industrija tal-batteriji bħala industrija ewlenija. Barra minn hekk, il-parts tar-roti, speċifikament il-batteriji u l-metalli ħfief għall-oqfsa ġew elenkati bħala industriji mħeġġa fil- "Katalogu tal-Gwida ta' Industriji ta' Investiment Barrani" kif ukoll fil-Katalogu tal-Industriji ta' Prijorità għall-Investiment Barrani fiċ-Ċina Ċentrali u tal-Punent. Fl-aħħar nett, il-batteriji tal-litju kienu parti mil-lista tal-industrija mħeġġa fil-Katalogu għall-Gwida tar-Ristrutturar tal-Industrija.

(41) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet fir-regolament oriġinali li l-industrija tar-roti elettriċi u l-partijiet tagħha kienu meqjusa bħala industriji ewlenin/strateġiċi, li l-iżvilupp tagħhom kien segwit b'mod attiv mill-GTĊ bħala objettiv ta' politika ([19]).

(42) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza kkonfermat li l-GTĊ kompla jappoġġa b'mod attiv l-iżvilupp tal-industrija tar-roti elettriċi u tal-parts, li għadhom jitqiesu bħala industriji ewlenin fiċ-Ċina permezz ta' diversi dokumenti ta' politika u leġiżlazzjoni, kif stabbilit hawn taħt.

L-14-il Pjan ta' Ħames Snin

(43) L-14-il pjan ta' ħames snin ("l-14-il FYP") għall-perjodu mill-2021 sal-2025 jenfasizza l-viżjoni strateġika tal-GTĊ għat-titjib u l-promozzjoni tal-industriji ewlenin ([20]). Skont il-Kapitolu I tiegħu, waħda mil-linji prinċipali ta' żvilupp hija l-promozzjoni tal-ammeljorament tal-istruttura industrijali tradizzjonali u l-approfondiment tar-"rivoluzzjoni teknoloġika u t-trasformazzjoni industrijali". Din l-idea tkompli tiġi elaborata fil-Kapitolu IV, li għandu l-għan li jiżviluppa sistema industrijali moderna ottimizzata bl-objettiv li ċ-Ċina ssir "mutur tal-manifattura". Sabiex l-industriji emerġenti "jaċċelleraw u jespandu", il-pjan jappoġġa l-iżvilupp u jippromwovi l-produzzjoni ta' "vetturi li jaħdmu bl-enerġija ġdida u prodotti ekoloġiċi u li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent", kif diġà kien il-każ fit-13-il Pjan ta' Ħames Snin.

(44) L-14-il Pjan ta' Ħames Snin ikompli jiġi implimentat permezz ta' pjanijiet lokali u settorjali, li jistabbilixxu d-direzzjoni tal-politiki li għandhom jiġu implimentati għall-iżvilupp ta' industriji u setturi strateġiċi.

(45) Minbarra l-14-il Pjan ta' Ħames Snin, kull livell subċentrali jimplimentah bi pjanijiet provinċjali u lokali biex jiżgura azzjoni effettiva. B'mod partikolari:

(46) Il-provinċja ta' Tianjin fl-14-il Pjan ta' Ħames Snin tagħha għall-iżvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-manifattura tipprevedi t-trasformazzjoni aċċellerata f' "belt tal-manifattura b'saħħitha" ([21]). Tianjin iqis is-settur tar-roti/roti elettriċi bħala "industrija vantaġġuża", li għandha tiġi żviluppata "b'mod vigoruż" ([22]). Il-vetturi li jaħdmu bl-enerġija ġdida huma wkoll prijorità ewlenija għal Tianjin, peress li l-provinċja tixtieq tiżviluppa vetturi li jiffrankaw l-enerġija u vetturi li jaħdmu bl-enerġija ġdida. Il-pjan tal-Provinċja ta' Tianjin jistenna li jespandi l-industrija tal-batteriji tal-jon tal-litju permezz tal-iżvilupp ta' materjali, bħan-nikil, il-grafit u s-siliċju tal-karbonju, sabiex tiġi aċċellerata l-applikazzjoni tagħhom f'vetturi li jaħdmu bl-enerġija ġdida. Materjali oħra rilevanti għall-produzzjoni tar-roti elettriċi, bħal folji tal-liga tal-aluminju tal-manjeżju għall-partijiet, eż. hubs tar-roti, azzar ta' livell għoli għal vireg tal-azzar u wajers tal-azzar, huma wkoll qasam ta' appoġġ fokali. ([23]) B'appoġġ għall-14-il Pjan ta' 5-il sena, l-Uffiċċju għall-Affarijiet Barranin tal-Gvern tal-Poplu Muniċipali ta' Tianjin ippubblika lista ta' 33 inċentiv ta' politika għal titjib ekonomiku fl-ewwel trimestru tal-2023, inklużi sussidji ta' mhux aktar minn għaxra (50) miljun għal kull kumpanija ([24]).

([18]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, premessi 116 sa 128.
([19]) Ibid, il-premessa (130).
([20]) NPC, 2021, Deskrizzjoni tal-14-il Programm ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tal — Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u l-Viżjoni fuq Terminu Twil għall-2035, disponibbli minn: http://www.gov.cn/xinwen/2021-03/13/content_5592681.htm (aċċessat: 22.11.2023) (biċ-Ċiniż).
([21]) "L-14-il Pjan ta' Ħames Snin" għall-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tal-Manifattura f'Tianjin.
([22]) Ibid., il-paġna 23-24.
([23]) Ibid., il-paġna 14-20.
([24]) 33 inċentivi ta' Politika minn Tianjin għal Titjib Ekonomiku fl-2023 Q1, paragrafi 10, 17, 18.

(47) Il-pjan ta' żvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-manifattura fil-Provinċja ta' Jiangsu matul l-14-il Pjan ta' Ħames Snin jistabbilixxi mira biex jirnexxi fl-iżvilupp tal-industriji tal-manifattura. Vetturi ġodda tal-enerġija huma waħda mill-prijoritajiet industrijali ewlenin, li se jkunu appoġġati minn programmi ta' riċerka u żvilupp u permezz tal-inkoraġġiment ta' fużjonijiet u akkwiżizzjonijiet. ([25]) Il-batteriji tal-joni tal-litju jitqiesu bħala prodotti ewlenin għall-vetturi elettriċi u l-iżvilupp tagħhom għandu jiġi appoġġat permezz tal-forniment ta' programmi ta' R&Ż. ([26])

(48) Il-pjan ta' azzjoni għall-promozzjoni ta' progress kostanti u t-titjib fil-kwalità tal-ekonomija industrijali fil-Provinċja ta' Zhejiang jipprevedi r-rinfurzar tal-katina industrijali b'fokus fuq ċerti industriji, inklużi vetturi li jaħdmu bl-enerġija ġdida. Il-vetturi ġodda tal-enerġija huma wieħed mis-sebgħa u għoxrin settur li għandhom jirċievu appoġġ finanzjarju mill-Provinċja ta' Zhejiang ([27]).

(49) Il-Pjan ta' azzjoni għall-iżvilupp ta' clusters tal-industrija b'pilastri strateġiċi tal-Industrija Ħafifa Moderna u t-Tessuti fil-Provinċja ta' Guangdong (2021-2025) jelenka s-sistemi ta' trażmissjoni tar-roti fost it-teknoloġiji u l-materjali ewlenin f'industriji ewlenin tal-industrija ħafifa moderna u t-tessuti. Il-pjan jelenka ħamest ibliet tal-Provinċja ta' Guangdong bħala "widien tar-roti" Ċiniżi (jiġifieri Guangzhou, Shenzhen, Huizhou, Dongguan u Zhongshan). ([28])

(50) Fil-livell partikolari tas-settur tal-industrija, l-Assoċjazzjoni Ċiniża tar-Roti ("CBA") ħarġet l-14-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi biex twitti t-triq għall-espansjoni tar-roti u r-roti elettriċi Ċiniżi għas-swieq barranin. Kif ġie kkonfermat ukoll fl-investigazzjoni oriġinali ([29]), is-CBA hija korp pubbliku skont it-tifsira tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament bażiku. Is-CBA hija sussidjarja tal-Kunsill Nazzjonali tal-Industrija Ħafifa taċ-Ċina ("CNLIC" China National Light Industry Council), dak li qabel kien il-Ministeru tal-Industrija Ħafifa. Barra minn hekk, il-Bord tad-Diretturi tas-CBA għandu rabtiet mill-qrib mal-GTĊ. Barra dan, is-CEO jew il-President ta' Intrapriża tal-istat jew assoċjazzjoni tar-roti għandu dejjem ikun membru tal-Partit Komunista Ċiniż ("CCP"). Anke fil-Bord ta' kumpaniji tar-roti elettriċi privati, li huma membri tas-CBA u li huma fil-Bord tas-CBA, dejjem irid ikun hemm membru tas-CCP, xi ħaġa li tikkonferma n-natura tas-CBA bħala korp pubbliku.

(51) Skont l-14-il Pjan tar-Roti, is-sitwazzjoni ġenerali għall-iżvilupp tal-industrija tar-roti/roti elettriċi għandha tiġi mmaniġġjata permezz ta' riformi b'"mod ċentralizzat", u permezz ta' fokus fuq l-għan ġenerali tat-titjib fil-kwalità, it-titjib fl-effiċjenza, kif ukoll it-titjib u l-bini ta' pajjiż b'industrija tar-roti/roti elettriċi b'saħħitha. Il-pjan jistabbilixxi wkoll miri għaż-żamma ta' volum qawwi ta' esportazzjoni ta' roti/roti elettriċi u t-titjib tal-ishma mis-suq internazzjonali tal-produtturi Ċiniżi ([30]). Dawk l-għanijiet jenħtieġ li jintlaħqu permezz tal-implimentazzjoni ta' politiki ta' appoġġ, bħall-għoti ta' fondi speċjali biex jappoġġaw l-iżvilupp tal-industrija tar-roti/tar-roti elettriċi ([31]).

(52) L-14-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi jiddeskrivi tliet aspetti tal-iżvilupp tal-industrija Ċiniża tar-roti/roti elettriċi għal perjodu lil hinn mill-14-il perjodu ta' 5 snin: (i) sal-2025, il-ħolqien ta' nazzjon kbir tar-roti/roti elettriċi għandu jiġi kkonsolidat permezz tal-modernizzazzjoni; (ii) sal-2035, l-industrija tar-roti/roti elettriċi Ċiniża se ssir is-setgħa predominanti fis-suq internazzjonali; (iii) sa nofs is-seklu, iċ-Ċina se tkun saret produttur tar-roti/roti elettriċi bl-istatus ta' nazzjon b'saħħtu tar-roti/roti elettriċi. ([32]) Minbarra l-pjan nazzjonali ġenerali għall-industrija tar-roti/roti elettriċi, l-14-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi jipprevedi "strateġiji ta' żvilupp reġjonali kkoordinati" ([33]). Għaxar reġjuni u provinċji ([34]) huma diretti biex iwettqu t-tqassim industrijali previst sabiex jippromwovu l-produzzjoni tar-roti elettriċi, tar-roti u tal-parts tar-roti bil-ħsieb li jsiru globali.

([25]) Pjan ta' żvilupp ta' kwalità għolja tal-industrija tal-manifattura fil-Provinċja ta' Jiangsu, paġna 42.
([26]) Idem, paġna 27.
([27]) Il-pjan ta' Azzjoni għall-Promozzjoni tal-Progress Statistiku u t-Titjib tal-Kwalità tal-Ekonomija Industrijali fil-Provinċja ta' Zhejiang, paġni 2 u 15.
([28]) Pjan ta' Azzjoni għall-Iżvilupp ta' Raggruppamenti tal-Industrija b'Pilastru Strateġiku tal-Industrija Ħafifa Moderna u t-Tessuti fil-Provinċja ta' Guangdong (2021–2025), paġni 12 u 15.
([29]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72 ("l-investigazzjoni oriġinali tar-*Roti elettriċi miċ-Ċina*").
([30]) L-14-il pjan ta' 5 snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi, paġni 3–4 u 13–14. Disponibbli online fuq: https://m.fx361.com/news/2021/1104/9062073.html.
([31]) Ibid., il-paġni 59 u 62-63.
([32]) Ibid., il-paġni 27 u 28.
([33]) Ibid., il-paġni 35 u 37.
([34]) Tianjin, Wuqing Bicycle and Parts Co-development Zone, il-Provinċja ta' Hebei, il-Provinċja ta' Jiangsu, il-Bażi tal-Esportazzjoni tar-Roti ta' Suzhou, il-Provinċja ta' Zhejiang, iż-Żona tal-Produzzjoni u l-Konċentrazzjoni tal-Esportazzjoni tar-Roti Elettriċi ta' Taizhou, il-Provinċja ta' Guangdong, il-Foshan Sports Bike R &D u l-Bażi Industrijali tad-Disinn u l-Provinċja ta' Guangxi.

(53) Dokument ta' politika importanti ieħor huwa l-Opinjonijiet ta' Gwida dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tad-Dawl, li jipprevedi diversi miżuri ta' appoġġ għall-industrija Ċiniża tar-roti, tar-roti elettriċi u tal-komponenti. ([35]) L-Opinjonijiet għandhom l-għan li jħeġġu l-innovazzjoni u l-manifattura tat-tipi kollha ta' roti u roti elettriċi u jiżviluppaw il-produzzjoni ta' batteriji għat-trasformazzjoni diġitali u ekoloġika. Dan għandu jinkiseb permezz ta' miżuri ta' appoġġ fiskali u finanzjarju, il-ħolqien ta' raggruppamenti industrijali integrati, u l-għoti ta' vantaġġi permezz tal-politiki "Belt and Road" u "Going Global" ([36]).

Made in China 2025

(54) Il-"Made in China 2025" hija politika industrijali mmexxija mill-Istat li tfittex li tagħmel ir-RPĊ dominanti fil-manifattura globali ta' teknoloġija avvanzata permezz ta' sussidji tal-gvern, Intrapriżi tal-Istat, u akkwist ta' proprjetà intellettwali, u b'hekk tissostitwixxi l-kapaċità barranija. ([37]) L-Uffiċċju tar-Rappreżentant tal-Kummerċ tal-Istati Uniti ("USTR") sab ukoll li l-Istat Ċiniż stabbilixxa fondi b'aktar minn USD 500 biljun disponibbli biex jappoġġa l-industriji identifikati ([38]).

(55) Il-politika Made in China 2025 tinkludi miżuri direttament rilevanti għall-manifattura tar-roti elettriċi, billi telenka l-kompiti strateġiċi li għandhom jiġu implimentati sal-2025, inkluż l-intensifikazzjoni tal- *"isforzi fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġija, proċess u tagħmir avvanzati għall-iffrankar tal-enerġija u l-protezzjoni ambjentali", it-tishih tar-"riċerka u l-iżvilupp ta' prodott ekoloġiku, il-ġeneralizzazzjoni ta' tekniki ta' piż ħafif, konsum baxx tal-enerġija u rkupru faċli, il-promozzjoni kontinwa tal-effiċjenza enerġetika ta' prodotti li jużaw l-enerġija terminali inkluż il-mutur, il-bojler, il-magna tal-kombustjoni interna u l-apparat elettriku, […] u l-promozzjoni enerġetika tal-iżvilupp ekoloġiku u b'livell baxx ta' emissjonijiet tal-karbonju ta' industrija ta' materjal ġdid, industrija ġdida tal-enerġija, industrija tat-tagħmir ta' livell għoli"* ([39]).

Deċiżjoni Nru 40

(56) Id-Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat hija dokument legali maħruġ fl-2005 li għandu l-għan li jippromwovi aġġustamenti tal-istruttura industrijali fiċ-Ċina billi jħeġġeġ l-iżvilupp ta' industriji ta' teknoloġija avvanzata u l-eliminazzjoni ta' kapaċità ta' produzzjoni skaduta ([40]). Il-"Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali", li huwa miżura ta' implimentazzjoni tad-Deċiżjoni Nru 40, jipprovdi gwida kruċjali lill-GTĊ għal proġetti ta' investiment u jifformula u jinforza politiki dwar il-finanzi pubbliċi, it-tassazzjoni, il-kreditu, l-importazzjoni u l-esportazzjoni, kif ukoll l-art ([41]).

(57) Id-Deċiżjoni Nru 40, li hija legalment vinkolanti fuq il-korpi pubbliċi u l-operaturi ekonomiċi fir-RPĊ, tikklassifika setturi industrijali differenti fi tliet kategoriji, jiġifieri: proġetti mħeġġa, ristretti u pprojbiti. Skont id-Deċiżjoni Nru 40, bosta setturi ta' rilevanza huma identifikati bħala mħeġġa, li mbagħad jirċievu bosta sussidji (il-Kunsill tal-Istat jagħti struzzjonijiet lill-istituzzjonijiet finanzjarji Ċiniżi kollha biex jipprovdu appoġġ ta' kreditu u jwieġħed l-implimentazzjoni ta' "politiki preferenzjali oħra dwar il-proġetti mħeġġa"). B'mod partikolari, il-batteriji u l-materjali ħfief huma kklassifikati taħt il-kategorija "mħeġġa" (skont il-Kapitolu XIX) fl-edizzjoni tal-2019 tal-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali ([42]).

([35]) Opinjonijiet ta' Gwida dwar il-Promozzjoni tal-Iżvilupp ta' Kwalità Għolja tal-Industrija tad-Dawl, 2022, disponibbli online fuq: http://www.gov.cn/zhengce/zhengceku/2022-06/19/content_5696665.htm.

([36]) Ibidem, il-punti 17, 18, 20, 21 u 23.

([37]) Avviż tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Pubblikazzjoni ta' "Made in China 2025" (disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/wp-content/uploads/t0432_made_in_china_2025_EN.pdf.

([38]) USTR, "Report to Congress On China WTO Compliance" (Rapport tal-2019 lill-Kungress dwar il-Konformità taċ-Ċina mad-WTO), Marzu 2020, p. 31 (disponibbli fuq: https://ustr.gov/sites/default/files/2019_Report_on_China%E2%80%99s_WTO_Compliance.pdf).

([39]) In-Notifika tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Pubblikazzjoni tal-"Made in China 2025" (disponibbli fuq: https://cset.georgetown.edu/wp-content/uploads/t0432_made_in_china_2025_EN.pdf)

([40]) Disponibbli fuq http://www.asianlii.org/cn/legis/cen/laws/tpopisa783/

([41]) Id-Deċiżjoni Nru 40 tal-Kunsill tal-Istat dwar il-Promulgazzjoni u l-Implimentazzjoni tad-Dispożizzjonijiet Temporanji dwar il-Promozzjoni tal-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (2005); il-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (2019) (disponibbli fuq: https://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf).

([42]) Il-Katalogu ta' Gwida għall-Aġġustament tal-Istruttura Industrijali (2019), p. 17 (disponibbli fuq: https://www.gov.cn/xinwen/2019-11/06/5449193/files/26c9d25f713f4ed5b8dc51ae40ef37af.pdf).

(58) Barra dan, il-parts tar-roti u, b'mod speċifiku, il-batteriji u l-metalli ħfief għall-frejms huma parti mil-lista ta' "industriji mħeġġa" fil-Katalogu tal-Industriji għall-Inkoraġġiment tal-Investiment Barrani (il-Verżjoni tal-2020) ([43]).

Konklużjonijiet

(59) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe informazzjoni li tindika mod ieħor, isegwi li r-roti elettriċi u l-katina tal-provvista tagħhom għadhom parti mill-industriji "mħeġġa" mill-GTĊ u, b'riżultat ta' dan, il-benefiċjarju tal-appoġġ kontinwu tal-GTĊ li jinkludi aċċess għal finanzjament preferenzjali, eżenzjonijiet mit-taxxa, inputs għal remunerazzjoni inqas minn adegwata (art, batteriji, magni, eċċ.) kif ukoll aċċess għal programmi ta' għotja kemm fil-livell nazzjonali, reġjonali kif ukoll lokali.

3.3. **Sussidji u programmi ta' sussidju li ġew eżaminati fir-reviżjoni ta' skadenza attwali**

(60) Fid-dawl tan-nuqqas ta' kooperazzjoni, il-Kummissjoni ddeċidiet li teżamina skont l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, l-ewwel, jekk is-sussidji kkumpensati fl-investigazzjoni oriġinali u li huma msemmija fit-talba ta' skadenza komplewx jagħtu benefiċċju lill-industrija tar-roti elettriċi fir-RPĊ matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni u, it-tieni, il-probabbiltà li s-sussidjar ikompli jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

(61) Dawk is-sussidji jew il-programmi ta' sussidju huma dawn li ġejjin:

(a) Finanzjament preferenzjali

Self u linji ta' kreditu

(b) Assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni

(c) Forniment mill-gvern ta' oġġetti għal renumerazzjoni inqas minn adegwata

Forniment ta' magni għal renumerazzjoni inqas minn adegwata

Forniment ta' batteriji għal renumerazzjoni inqas minn adegwata

Forniment ta' drittijiet għall-użu tal-art għal renumerazzjoni inqas minn adegwata

(d) Programmi ta' tnaqqis u ta' eżenzjoni mit-taxxa diretta

Privileġġi tat-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi ("EIT") għal Intrapriżi ta' Teknoloġija Avvanzata u Ġdida

Tpaċija tal-EIT għall-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp

Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu minn dividendi bejn l-intrapriżi residenti kwalifikati

(e) Programmi ta' Taxxi Indiretti u Dazji tal-Importazzjoni

Eżenzjonijiet mill-VAT u rifużjonijiet tad-dazji tal-importazzjoni għall-użu ta' tagħmir u teknoloġija importati

(f) Programmi ta' għotja

Għotjiet ad hoc ipprovduti mill-awtoritajiet muniċipali/reġjonali

3.4. **Finanzjament preferenzjali (self, linji ta' kreditu)**

3.4.1. *Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali*

(62) Fl-investigazzjoni oriġinali ([44]), il-Kummissjoni stabbiliet li l-banek tal-Istat ("SOBs") kienu korpi pubbliċi, peress li kienu jwettqu funzjonijiet governattivi u, b'hekk, kienu jeżerċitaw awtorità tal-gvern. Alternattivament, il-Kummissjoni sabet ukoll li dawn il-banek fi kwalunkwe każ ġew fdati u diretti mill-GTĊ sabiex iwettqu funzjonijiet normalment vestiti fil-gvern skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku.

([43]) Catalogue of Encouraged Industries for Foreign Investment, il-punti 129, 268, 269, 271 u 304 (l-Edizzjoni tal-2022, disponibbli fuq: https://www.china-briefing.com/news/wp-content/uploads/2021/01/Catalogue-of-Encouraged-Industries-for-Foreign-Investment-Edition-2020.pdf)

([44]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsima 3.5.1.

(63) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll, fuq il-bażi tal-qafas legali normattiv li japplika għas-settur finanzjarju fir-RPĊ, notevolment l-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja Kummerċjali, l-Artikolu 15 tar-Regoli Ġenerali dwar is-Self u d-Deċiżjoni Nru 40, li l-banek kummerċjali privati fiċ-Ċina ġew fdati jew diretti skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iv) tar-Regolament bażiku biex isegwu l-politiki tal-gvern ([45]).

(64) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet fl-investigazzjoni oriġinali li l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li joperaw fir-RPĊ segwew politiki tal-gvern u pprovdew self, kif ukoll linji ta' kreditu, ([46]) b'rati preferenzjali lill-industrija tar-roti elettriċi, li tqieset bħala industrija mħeġġa.

(65) Skont it-tifsira tal-Artikoli 3(2) u 6(b) tar-Regolament bażiku, instab li jeżisti benefiċċju sal-punt li s-self u l-linji ta' kreditu ngħataw b'termini aktar favorevoli minn dawk li r-riċevitur seta' jikseb f'suq ħieles. Il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri kien id-differenza bejn l-ammont ta' mgħax li l-kumpanija fil-fatt ħallset u l-ammont li l-kumpanija tħallas għal self kummerċjali/linja ta' kreditu komparabbli li tista' tinkiseb fis-suq ħieles. ([47])

(66) Dan il-programm ta' sussidju nstab li kien speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku, billi l-istituzzjonijiet mutwanti pprovdew biss self u linji ta' kreditu preferenzjali lil għadd limitat ta' kumpaniji/industriji li huma meqjusa bħala industriji ewlenin/strateġiċi mill-GTĊ, li l-industrija tar-roti elettriċi hija waħda minnhom.

(67) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema varjat minn 0,23 % sa 2,77 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.4.2. *Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju*

(68) Fit-talba għal reviżjoni ta' skadenza, ir-rikorrent ipprovda evidenza li l-industrija tar-roti elettriċi fir-RPĊ kompliet tibbenefika minn finanzjament preferenzjali wara l-impożizzjoni tal-miżuri oriġinali ([48]).

(69) Skont ir-rikorrent, il-banek tal-Istat Ċiniż għadhom jiddominaw is-sistema bankarja Ċiniża u għalhekk għandhom rwol ċentrali fl-appoġġ u l-finanzjament tal-industriji identifikati bħala mħeġġa mill-GTĊ. Huwa jsostni wkoll li l-finanzjament preferenzjali mill-banek tal-Istat żdied mill-2021 'l hawn, b'mod partikolari fir-rigward tal-promozzjoni tal-enerġija nadifa, it-trasport ekoloġiku, it-tnaqqis tal-karbonju u t-trasformazzjoni tal-iffrankar tal-enerġija tal-industriji tradizzjonali ([49]).

(70) L-evidenza pprovduta li nġabret mir-rikorrent uriet li l-produtturi tar-roti elettriċi komplew jirċievu self u linji ta' kreditu preferenzjali mill-banek Ċiniżi. Self u linji ta' kreditu bħal dawn jidhru fir-Rapporti Annwali ta' għadd ta' kumpaniji produtturi. Pereżempju, il-produttur tar-roti elettriċi Yadea jirrapporta fir-rapporti finanzjarji tal-2022 tiegħu, żewġ selfiet bla mgħax mill-gvernijiet lokali għall-kostruzzjoni ta' faċilitajiet ġodda tal-produzzjoni fl-ammonti ta' CNY 460 miljun u CNY 39 miljun, rispettivament ([50]). Barra dan, produttur ieħor tar-roti elettriċi, Joykie kiseb linji ta' kreditu minn bosta banek Ċiniżi fl-2022 ([51]). Għalkemm it-termini u l-kundizzjonijiet kemm tas-self kif ukoll tal-linji ta' kreditu huma dokumenti kummerċjali kunfidenzjali, l-applikant isostni li, simili għall-investigazzjoni oriġinali, dan is-self u l-linji ta' kreditu komplew jiġu pprovduti b'kundizzjonijiet preferenzjali minħabba li l-industrija tar-roti elettriċi għadha industrija mħeġġa.

([45]) *Ibid.* il-premessi (218)-(222).
([46]) *Ibid.* il-premessi (222) u (297).
([47]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsimiet 3.5.4.2 u 3.5.4.3.
([48]) Ara l-punti 63-87 u l-annessi korrispondenti tal-Verżjoni miftuħa tat-talba għal reviżjoni ta' skadenza.
([49]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, l-Anness 40.
([50]) It-talba ta' skadenza, l-Anness 11, ir-Rapport Annwali tal-2022 ta' Yadea, p. 179 u 184.
([51]) It-talba ta' skadenza, l-Anness 11, ir-Rapport Annwali tal-2022 ta' JoyKie, p. 107 *et seq.* u 508.

(71) Il-Kummissjoni stabbiliet li matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, il-qafas legali ġenerali li kien jeżisti matul l-investigazzjoni oriġinali u li serva biex jidderieġi lill-istituzzjonijiet finanzjarji biex jallinjaw mal-objettivi ta' politika industrijali meta jieħdu istituzzjonijiet finanzjarji kien għadu prevalenti fiċ-Ċina. Tabilħaqq, mill-investigazzjoni oriġinali, l-Istat Ċiniż kompla jsaħħaħ il-kontroll tiegħu fuq is-suq finanzjarju biex iservi aħjar l-ekonomija reali u jikkonforma mal-għanijiet tal-politiki industrijali taċ-Ċina, mhux l-inqas billi jibgħat il-fondi lill-industriji ta' prijorità. Dan jintwera b'mod partikolari minn (i) l-Artikolu 34 tal-Liġi Bankarja li jiddikjara li *l-banek kummerċjali għandhom iwettqu n-negozju tagħhom ta' self f' konformità mal-ħtiġijiet tal-iżvilupp ekonomiku u soċjali nazzjonali u taħt il-gwida tal-politiki industrijali tal-Istat*, (ii) l-Artikolu 15 tar-Regoli Ġenerali dwar is-Self li jistabbilixxi li l-imgħax fuq is-self jista' jiġi ssussidjat meta f'konformità mal-politika tal-Istat għall-promozzjoni tat-tkabbir ta' ċerti industriji u żoni ekonomiċi u, (iii) id-Deċiżjoni Nru 40 li tiddeżinja ċerti setturi industrijali bħala "mħeġġa" li għandhom jibbenefikaw minn aċċess privileġġat għall-kreditu ([52]).

(72) F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni fakkret li kienet sabet f'din l-investigazzjoni (ara l-premessa (59)) li l-industrija tar-roti elettriċi għadha industrija mħeġġa fir-RPĊ.

(73) L-istrumentalizzazzjoni sistematika tas-settur tal-finanzjament Ċiniż għall-finijiet li jiġu segwiti l-politiki industrijali u jiġi pprovdut finanzjament preferenzjali lill-industriji mħeġġa tkompli tiġi kkorroborata mis-sejbiet tal-Kummissjoni f'bosta investigazzjonijiet antisussidji riċenti ([53]).

Speċifiċità

(74) Minħabba li dan il-programm ta' sussidju huwa limitat għal kumpaniji f'industriji mħeġġa biss u mhuwiex disponibbli għas-setturi ekonomiċi kollha, il-Kummissjoni sabet li huwa speċifiku skont it-tifsira tal-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku.

Benefiċċju

(75) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-produtturi Ċiniżi, mill-GTĊ u mill-istituzzjonijiet finanzjarji fiċ-Ċina, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(76) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li l-GTĊ kompla jipprovdi self u linji ta' kreditu lill-industrija tar-roti elettriċi fuq termini preferenzjali f'konformità mal-politika stipulata f'diversi pjanijiet u atti legali oħra li jirreferu għall-industrija tar-roti elettriċi bħala industrija mħeġġa. It-trasferiment dirett ta' fondi fil-forma ta' finanzjament preferenzjali kompla jkun disponibbli għall-kumpaniji fl-industrija tar-roti elettriċi matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

Konklużjoni

(77) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' self u linji ta' kreditu preferenzjali matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. Fid-dawl tal-eżistenza ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji, benefiċċju mogħti u speċifiċità, dawn il-programmi ta' sussidju jkomplu jitqiesu bħala kumpensabbli.

([52]) Id-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti fl-Ekonomija tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina għall-fini ta' investigazzjonijiet tad-difiża tal-kummerċ SWD (2024) 91 final, 10.4.2024 ("ir-Rapport taċ-Ċina"), it-Taqsima 6.

([53]) Ir-Regolament (UE) 2023/1647, ir-Regolament (UE) 2023/1123 u r-Regolament (UE) 2021/328.

3.5. **Assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni**

3.5.1. *Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali*

(78) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li l-produtturi tar-roti elettriċi Ċiniżi rċevew sussidji fil-forma ta' assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni b'termini preferenzjali ([54]).

(79) B'mod partikolari, il-Kummissjoni stabbiliet li l-uniku fornitur fiċ-Ċina ta' assigurazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni, il-Korporazzjoni tal-Assigurazzjoni tal-Esportazzjoni u l-Kreditu Ċiniża ("Sinosure") kien korp pubbliku, li eżerċita funzjonijiet tal-gvern fir-rigward tas-settur tar-roti elettriċi.

(80) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li Sinosure pprovdiet assigurazzjonijiet ta' kreditu għall-esportazzjoni lill-esportaturi tar- roti elettriċi b'termini preferenzjali, jiġifieri taħt il-kundizzjonijiet tas-suq, u b'hekk tat benefiċċju lill-produtturi esportaturi. Il-benefiċċju mogħti lir-riċevituri tqies bħala d-differenza bejn l-ammont tal-primjum li l-kumpanija ħallset fuq l-assigurazzjoni fuq terminu qasir ipprovduta minn Sinosure u l-ammont tal-primjum li l-kumpanija tħallas għal assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni komparabbli li tista' tinkiseb fis-suq. ([55])

(81) Fl-aħħar nett, peress li din l-iskema ta' sussidju kienet kontinġenti fuq l-esportazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li kienet speċifika skont l-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku u għalhekk kumpensabbli.

(82) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema varjat minn 0 % sa 0,50 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.5.2. *Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju*

(83) Simili għas-sitwazzjoni fl-investigazzjoni oriġinali, Sinosure għadha kompletament proprjetà tal-Istat Ċiniż. Skont ir-rikorrent, Sinosure għandha l-mandat, f'konformità mal-politiki diplomatiċi, kummerċjali internazzjonali, industrijali, fiskali u finanzjarji tal-GTĊ, li tippromwovi l-esportazzjonijiet u l-investimenti Ċiniżi, speċjalment l-esportazzjonijiet ta' prodotti kapitali ta' teknoloġija avvanzata jew ta' valur miżjud għoli, billi toffri assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni kontra riskji ta' nuqqas ta' pagament.

(84) Il-bażijiet legali għall-attivitajiet ta' Sinosure huma l-istess bħal dawk applikabbli matul l-investigazzjoni oriġinali, b'mod partikolari n-Notifika dwar l-Implimentazzjoni tal-Istrateġija għall-Promozzjoni tal-Kummerċ permezz tax-Xjenza u t-Teknoloġija bl-Użu tal-Assigurazzjoni ta' Kreditu għall-Esportazzjoni, Sinosure (Shang Ji Fa [2004] Nru 368) maħruġa b'mod konġunt mill-MOFCOM u Sinosure, u, n-Notifika dwar il-Ħruġ tal-Katalogu tal-Esportazzjoni tal-2006 ta' Prodotti ta' Teknoloġija Avvanzata taċ-Ċina, (Guo Ke Fa Ji Zi [2006] Nru 16.

(85) Skont is-sit web proprju ta' Sinosure ([56]), hija kumpanija tal-assigurazzjoni ffinanzjata mill-Istat u orjentata lejn il-politika li hija stabbilita u appoġġata mill-Istat biex tippromwovi l-iżvilupp u l-kooperazzjoni ekonomiċi u kummerċjali barranin taċ-Ċina. Hija tippromwovi l-esportazzjonijiet Ċiniżi ta' oġġetti, teknoloġiji u servizzi, speċjalment l-esportazzjoni ta' prodotti ta' kapital ta' teknoloġija avvanzata u ta' valur miżjud għoli, bħal prodotti mekkaniċi u elettriċi u b'hekk isservi b'mod effettiv għal strateġiji nazzjonali, tappoġġa b'mod preċiż l-iżvilupp tal-intrapriżi u tiżgura s-sostenibbiltà finanzjarja. Peress li hija istituzzjoni finanzjarja orjentata lejn il-politika li ġiet stabbilita biex tissodisfa d-domandi tal-globalizzazzjoni ekonomika u l-iżvilupp tal-ekonomija u l-kummerċ barranin taċ-Ċina, hija tiddikjara b'mod espliċitu li se tiffoka mill-qrib fuq l-għan li sservi l-istrateġiji nazzjonali.

(86) Barra minn hekk, ir-rwol kontinwu ta' Sinosure bħala pjattaforma għall-appoġġ tal-politiki tal-Gvern jibqa' l-istess, kif jidher minn sejħa konġunta tal-2022 mill-MOFCOM u Sinosure biex *" jingħata appoġġ lill-intrapriżi sabiex japprofondixxu d-destinazzjonijiet tradizzjonali tal-esportazzjoni u jisfruttaw swieq diversifikati, b'fokus fuq il-forniment ta' servizzi ta' assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjonijiet lejn pajjiżi tul il-"Belt and Road", is-swieq emerġenti, u s-sħab taż-żona ta' kummerċ ħieles* ([57]).

([54]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsima 3.6.
([55]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, il-premessa (362).
([56]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, l-Anness 46, Profil ta' Sinosure. Ara wkoll sinosure.com.cn/en/Sinosure/Profile/index.shtml.
([57]) Ir-Rapport taċ-Ċina, it-Taqsima 6.6.

(87) Minn dan isegwi li Sinosure għadha korp pubbliku li jeżerċita funzjonijiet tal-gvern, b'mod partikolari fir-rigward tal-industriji mħeġġa. Hija tipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni b'termini aktar favorevoli minn dawk li r-riċevitur normalment ikun jista' jikseb fis-suq jew tipprovdi kopertura tal-assigurazzjoni li nkella assolutament ma tkunx disponibbli fis-suq. Peress li l-industrija tar-roti elettriċi Ċiniża, bħala parti mill-industrija tal-vetturi elettriċi u t-trasport ekoloġiku, hija industrija mħeġġa u orjentata lejn l-esportazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li din għadha appoġġata minn Sinosure. Is-sejba li Sinosure għadha tipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu lill-industriji mħeġġa tkompli tiġi kkorroborata mis-sejbiet tal-Kummissjoni f'bosta investigazzjonijiet antisussidji riċenti ([58]).

Speċifiċità

(88) Is-sussidji pprovduti taħt l-iskema ta' assigurazzjoni ta' kreditu huma speċifiċi peress li ma jistgħux jinkisbu mingħajr esportazzjoni u b'hekk huma kontinġenti fuq l-esportazzjoni skont it-tifsira tal-Artikolu 4(4)(a) tar-Regolament bażiku.

Benefiċċju

(89) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi, mill-GTĊ u minn Sinosure, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(90) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni setgħet tikkonkludi li Sinosure kompliet, matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, tipprovdi assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq termini preferenzjali f'konformità mal-politika stipulata f'diversi pjanijiet u atti legali oħra li jirreferu għall-industrija tar-roti elettriċi bħala industrija mħeġġa.

Konklużjoni

(91) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' assigurazzjoni ta' kreditu għall-esportazzjoni fuq termini preferenzjali. Fid-dawl tal-eżistenza ta' kontribuzzjonijiet finanzjarji, benefiċċju mogħti u speċifiċità, dawn il-programmi ta' sussidju jkomplu jitqiesu bħala kumpensabbli.

3.6. **Forniment mill-gvern ta' oġġetti għal renumerazzjoni inqas minn adegwata**

3.6.1. *Forniment ta' magni elettriċi*

3.6.1.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(92) L-investigazzjoni oriġinali sabet li l-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi rċevew sussidji fil-forma ta' magni għal remunerazzjoni inqas minn adegwata ([59]).

(93) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonfermat li s-suq domestiku Ċiniż għall-magni kien fil-biċċa l-kbira ddominat mill-forniturі domestiċi Ċiniżi li kellhom sehem mis-suq ta' aktar minn 90 %. Dawk il-forniturі kienu jew kumpaniji tal-Istat jew membri tal-Assoċjazzjoni Ċiniża tar-Roti (CBA) u sa ċertu punt operaturi ewlenin subordinati li ġew fdati biex jimplimentaw il-politika nazzjonali sabiex jintlaħqu l-objettivi usa' relatati mal-produzzjoni tar-roti elettriċi ([60]).

(94) It-tieni nett, il-Kummissjoni stabbiliet, fuq il-bażi ta' diversi dokumenti legali, b'mod partikolari t-12-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi, it-13-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi u l-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija Ħafifa (2016-2020), il-politika tal-GTĊ biex itejjeb il-kwalità u l-prestazzjoni ta' inputs kruċjali għall-industrija tar-roti elettriċi, li l-magni huma parti integrali minnha, u biex jikkompleta l-katina tal-provvista industrijali tar-roti sabiex tkun tista' tiġi stabbilita katina tal-produzzjoni tar-roti elettriċi integrata vertikalment u awtonoma fiċ-Ċina ([61]).

([58]) Ir-Regolament (UE) 2023/1647, ir-Regolament (UE) 2022/72 u r-Regolament (UE) 2021/328.
([59]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsima 3.7.2.
([60]) *Ibid*, il-premessi (382)-(383).
([61]) *Ibid*, il-premessi (390)-(393).

(95) It-tielet, il-Kummissjoni sabet li l-industrija tar-roti elettriċi u l-industriji tal-magni huma interkonnessi u li l-iżvilupp tal-industrija tal-magni huwa importanti għall-iżvilupp tal-industrija tar-roti elettriċi. F'dan ir-rigward, il-Kummissjoni sabet ukoll li l-GTĊ ipprovda sussidji lill-industrija tal-magni bl-għan li jtejjeb il-kompetittività tal-katina kollha kemm hi tal-industrija, inkluża l-industrija tar-roti elettriċi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ fada jew idderieġa lill-produtturi Ċiniżi tal-magni biex ifornu magni lill-industrija tar-roti elettriċi għal renumerazzjoni inqas minn adegwata.

(96) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li s-sussidji fil-forma ta' magni għal renumerazzjoni inqas minn adegwata kienu speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji setgħu jibbenefikaw mill-iskema u li kien ingħata benefiċċju. Il-benefiċċju għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun ġie kkalkolat fl-investigazzjoni oriġinali billi tqabblu l-prezzijiet domestiċi ma' dawk tal-esportazzjoni tal-magni mill-akbar fornitur domestiku tal-magni. Id-differenza, espressa bħala perċentwal, ġiet applikata għall-prezzijiet imħallsa mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għax-xiri ta' magni mingħand fornituri domestiċi. ([62])

(97) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema varjat minn 0,78 % sa 5,44 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.6.1.2. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(98) Ir-rikorrent iddikjara li l-industrija tal-magni Ċiniża kompliet tiġi fdata jew diretta mill-GTĊ biex tipprovdi magni b'renumerazzjoni inqas minn adegwata lill-industrija tar-roti elettriċi ([63]).

(99) Skont ir-rikorrent, il-produtturi Ċiniżi tal-magni komplew, simili għas-sitwazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, ikunu soġġetti għal diversi pjanijiet ta' politika, li fihom il-GTĊ jindika appoġġ pubbliku lill-industrija tal-magni minħabba l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista industrijali tar-roti elettriċi fiċ-Ċina.

(100) L-14-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi ([64]) jirreferi għall-iżvilupp tas-sistema awżiljarja tar-roti elettriċi bħala wieħed mill-proġetti ta' riċerka prinċipali għall-membri tas-CBA. Barra dan, ir-Rapport taċ-Ċina dwar l-Analiżi tal-Fattibbiltà tal-Investiment għall-Prospetti ta' Riċerka u Żvilupp fil-Fond tas-Suq tal-Industrija tal-Magni tar-Roti Elettriċi għall-perjodu 2022-2027 ([65]) jikkonferma wkoll li l-GTĊ jipprovdi sussidji għall-magni li għandhom l-għan li jtejbu l-kompetittività tal-katina kollha kemm hi tal-industrija inkluża l-industrija tar-roti elettriċi. ([66]) Barra dan, l-14-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Iżvilupp Ekonomiku u Soċjali Nazzjonali tar-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina u d-Deskrizzjoni tal-Għanijiet fuq Terminu Twil għall-2035 jipprovdu wkoll appoġġ qawwi għall-industrija tal-manifattura intelliġenti ta' livell għoli, intelliġenti u ekoloġika, bħar-roti elettriċi u l-magni tar-roti elettriċi. Barra minn hekk, kif imsemmi fil-premessa (55) hawn fuq, l-istrateġija Made In China 2025 tipprevedi tisħiħ *"fir-riċerka u l-iżvilupp ta' teknoloġiji, proċessi u tagħmir avvanzati għall-iffrankar tal-enerġija u l-ħarsien tal-ambjent"*, it-tisħiħ tar-*"riċerka u l-iżvilupp ta' prodotti ekoloġiċi, il-ġeneralizzazzjoni ta' tekniki ta' konsum baxx tal-enerġija u rkupru faċli, il-promozzjoni kontinwa tal-effiċjenza enerġetika ta' prodotti li jużaw l-enerġija terminali, inklużi mutur, bojler, magna b'kombustjoni interna u apparat elettriku, […] u jippromwovu enerġetikament l-iżvilupp ta' industrija ta' materjal ġdid, industrija ta' enerġija ġdida u industrija ta' tagħmir ta' livell għoli"*.

(101) Ir-rikorrent ipprovda wkoll evidenza li l-produtturi Ċiniżi tal-magni komplew jirċievu sussidji sinifikanti fil-forma ta' għotjiet, tnaqqis fit-taxxa, finanzjament preferenzjali, eċċ ([67]).

(102) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ jew minn kwalunkwe manifattur tal-magni Ċiniż, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istruttura tas-suq għall-magni fiċ-Ċina ma nbidlitx mill-investigazzjoni oriġinali 'l hawn. Għalhekk, u minħabba l-importanza kruċjali u integrali tal-industrija tal-magni għall-iżvilupp tal-industrija tar-roti elettriċi mħeġġa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tal-magni fiċ-Ċina għadhom fdati jew diretti mill-GTĊ biex jipprovdu magni lill-industrija tar-roti elettriċi għal renumerazzjoni inqas minn adegwata, kif kien il-każ fl-investigazzjoni oriġinali.

([62]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsima 3.7.2.7.
([63]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, it-Taqsima 6.4(b)(ii) u l-Annessi korrispondenti.
([64]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, l-Anness 29.
([65]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, l-Anness 60.
([66]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, l-Anness 60.
([67]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, il-paragrafu 236 u l-Anness 11.

Speċifiċità

(103) Is-sussidji pprovduti taħt din l-iskema huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji jistgħu jibbenefikaw mill-iskema.

Benefiċċju

(104) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi, mill-produtturi Ċiniżi tal-magni u mill-GTC, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(105) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni xorta waħda setgħet tikkonkludi li l-GTĊ kompla jafda jew jidderieġi lill-produtturi tal-magni fiċ-Ċina biex jipprovdu lill-produtturi tar-roti elettriċi magni għal renumerazzjoni inqas minn adegwata, li jikkostitwixxu kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju skont l-Artikolu 1(a)(iv) u l-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(106) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' forniment ta' magni għal renumerazzjoni inqas minn adegwata. Peress li dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju u li hija speċifika, is-sussidji taħt din l-iskema huma kumpensabbli.

3.6.2. *Forniment ta' batteriji*

3.6.2.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(107) L-investigazzjoni oriġinali sabet li l-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi rċevew sussidji fil-forma ta' batteriji għal remunerazzjoni inqas minn adegwata ([68]).

(108) L-ewwel nett, il-Kummissjoni kkonfermat li porzjon kbir ta' batteriji fornuti lill-industrija tar-roti elettriċi ġie prodott fiċ-Ċina minn produtturi (parzjalment) tal-Istat u membri tas-CBA u sa ċertu punt operaturi ewlenin subordinati li ġew fdati biex jimplimentaw il-politika nazzjonali sabiex jintlaħqu l-objettivi usa' relatati mal-produzzjoni tar-roti elettriċi ([69]).

(109) It-tieni nett, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll, fuq il-bażi ta' diversi dokumenti (ta' politika) legali, b'mod partikolari l-Pjan ta' Żvilupp tal-Industrija Ħafifa (2016-2020), il-pjan Made in China 2025, it-12 u t-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-industrija tal-batteriji u r-rapport ("Analiżi fil-fond tal-industrija tal-batteriji tal-jon tal-litju għar-roti elettriċi fil-perjodu 2018-2023 u rapport ta' gwida dwar it-13-il pjan ta' żvilupp ta' Ħames Snin"), il-politika tal-GTĊ biex tappoġġa l-industrija tal-batteriji u biex tkompli tintegra l-industriji tal-batteriji u tar-roti elettriċi permezz ta' kooperazzjoni u alleanzi avvanzati. Dawn id-dokumenti ta' politika rrikonoxxew ukoll l-eżistenza ta' politika ta' sussidju għar-roti elettriċi li jaħdmu bil-batterija biex tippromwovi l-popolarizzazzjoni u l-esportazzjoni tar-roti elettriċi. Għalhekk, fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-batteriji hija industrija appoġġata li tista' tibbenefika minn diversi sussidji u hija marbuta mill-qrib ma' dik tal-industrija tar-roti elettriċi ([70]).

(110) It-tielet, il-Kummissjoni sabet ukoll li l-industrija tar-roti elettriċi u l-industriji tal-batteriji tal-jon tal-litju huma interkonnessi u li l-GTĊ segwa politika li permezz tagħha l-industrija tal-batteriji għandha tnaqqas il-kostijiet u l-prezzijiet tagħha permezz ta' sussidji sabiex tippromwovi l-industrija tar-roti elettriċi. Għaldaqstant, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ fada jew idderieġa lill-produtturi Ċiniżi tal-batteriji biex ifornu lill-industrija tar-roti elettriċi batteriji għal renumerazzjoni inqas minn adegwata.

([68]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsima 3.7.3.
([69]) *Ibid*, il-premessi (443)-(445).
([70]) *Ibid,* il-premessi (452)-(461).

(111) Il-benefiċċju għall-kumpaniji inklużi fil-kampjun ġie kkalkolat fl-investigazzjoni oriġinali billi tqabblu l-prezzijiet domestiċi ma' dawk tal-esportazzjoni tal-magni li jaħdmu bil-batteriji mill-uniku fornitur domestiku tal-batteriji li kkoopera. Id-differenza, espressa bħala perċentwal, ġiet applikata għall-prezzijiet imħallsa mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għax-xiri ta' batteriji mingħand fornituri domestiċi. ([71])

(112) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li s-sussidji fil-forma ta' batteriji għal renumerazzjoni inqas minn adegwata kienu speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(b) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji setgħu jibbenefikaw mill-iskema.

(113) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema varjat minn 0,38 % sa 8,97 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.6.2.2. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(114) Ir-rikorrent iddikjara li l-industrija tal-batteriji Ċiniża kompliet tiġi fdata jew diretta mill-GTĊ biex tipprovdi batteriji b'renumerazzjoni inqas minn adegwata lill-industrija tar-roti elettriċi ([72]).

(115) Skont ir-rikorrent, il-produtturi Ċiniżi tal-batteriji komplew, simili għas-sitwazzjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali, ikunu soġġetti għal diversi pjanijiet ta' politika, li fihom il-GTĊ jindika appoġġ pubbliku lill-industrija tal-batteriji tal-litju minħabba l-pożizzjoni tagħhom fil-katina tal-provvista industrijali tar-roti elettriċi fiċ-Ċina.

(116) Ir-rikorrent jirreferi għall-14-il Pjan ta' Ħames Snin għar-Roti u r-Roti Elettriċi (2012-2025), li jelenka l-iżvilupp tal-batteriji tal-litju għar-roti elettriċi bħala prijorità ewlenija għall-membri tas-CBA. F'dan ir-rigward ta' min ifakkar li bosta produtturi tal-batteriji fiċ-Ċina huma membri tas-CBA. L-industrija tal-batteriji Ċiniża hija appoġġata wkoll taħt l-Istrateġija Made in China 2025 u t-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-Industrija tal-batteriji li ġie adottat mill-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Enerġija Kimika u Fiżika taċ-Ċina ([73]). Ir-Rapport taċ-Ċina dwar l-Analiżi tal-Fattibbiltà tal-Investiment għall-Prospetti ta' Riċerka u Żvilupp fil-Fond tas-Suq tal-Industrija tal-Batteriji tal-Jon tal-Litju tar-Roti Elettriċi għall-perjodu 2022-2027 jikkonferma l-appoġġ kontinwu tal-industrija tal-batteriji Ċiniża ([74])

(117) Ir-rikorrent ipprovda wkoll evidenza li l-produtturi Ċiniżi tal-batteriji komplew jirċievu sussidji sinifikanti fil-forma ta' għotjiet, tnaqqis fit-taxxa, finanzjament preferenzjali, eċċ ([75]).

(118) Minn dan isegwi li l-industrija tal-batteriji fiċ-Ċina kompliet tkun industrija appoġġata li tista' tibbenefika minn diversi sussidji u hija marbuta mill-qrib mal-iżvilupp tal-industrija tar-roti elettriċi.

(119) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ jew minn kwalunkwe manifattur tal-batteriji Ċiniż, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-istruttura tas-suq għall-batteriji fiċ-Ċina ma nbidlitx mill-investigazzjoni oriġinali 'l hawn. Għalhekk, u minħabba l-importanza integrali tal-industrija tal-batteriji għall-iżvilupp tal-industrija tar-roti elettriċi mħeġġa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tal-batteriji fiċ-Ċina għadhom fdati jew diretti mill-GTĊ biex jipprovdu batteriji lill-industrija tar-roti elettriċi għal renumerazzjoni inqas minn adegwata, kif kien il-każ fl-investigazzjoni oriġinali.

Speċifiċità

(120) Is-sussidji pprovduti taħt din l-iskema huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji setgħu jibbenefikaw mill-iskema.

([71]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsima 3.7.3.7.
([72]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, it-Taqsima 6.4(b)(iii) u l-Annessi korrispondenti.
([73]) It-13-il Pjan ta' Ħames Snin għall-industrija tal-batteriji li ġie adottat mill-Assoċjazzjoni tal-Industrija tal-Enerġija Kimika u Fiżika taċ-Ċina, il-Kapitolu V, it-Taqsima I.
([74]) Ir-Rapport taċ-Ċina dwar l-Analiżi tal-Fattibbiltà tal-Investiment għall-Prospetti ta' Riċerka u Żvilupp fil-Fond tas-Suq tal-Industrija tal-Batteriji tal-Jon tal-Litju tar-Roti Elettriċi għall-perjodu 2022-2027.
([75]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, diversi rapporti annwali fl-Anness 11.

Benefiċċju

(121) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi, mill-produtturi Ċiniżi tal-batteriji u mill-GTĊ, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(122) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni xorta waħda setgħet tikkonkludi li l-GTĊ kompla jafda jew jidderieġi lill-produtturi tal-batteriji fiċ-Ċina biex jipprovdu lill-produtturi tar-roti elettriċi batteriji għal renumerazzjoni inqas minn adegwata, li jikkostitwixxu kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju skont l-Artikolu 1(a)(iv) u l-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(123) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' forniment ta' batteriji għal renumerazzjoni inqas minn adegwata. Peress li dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju u li hija speċifika, is-sussidji taħt din l-iskema huma kumpensabbli.

3.6.3. *Drittijiet għall-użu tal-art (LUR)*

3.6.3.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(124) L-investigazzjoni oriġinali sabet li l-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi rċevew sussidji fil-forma ta' drittijiet għall-użu tal-art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata ([76]).

(125) B'mod aktar speċifiku, il-Kummissjoni stabbiliet li ma kien hemm l-ebda suq li jiffunzjona għall-art fir-RPĊ u li l-użu ta' parametru referenzjarju estern wera li l-prezzijiet mħallsa għad-drittijiet għall-użu tal-art kienu ferm inqas mir-rati tas-suq. Peress li l-industrija tar-roti elettriċi kienet industrija mħeġġa u li l-awtoritajiet lokali, meta jistabbilixxu l-prezzijiet, kellhom iqisu l-objettivi ta' politika prevalenti tal-GTĊ, inkluż l-għoti ta' aċċess preferenzjali għall-art għall-industriji mħeġġa, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kumpaniji inklużi fil-kampjun fl-investigazzjoni oriġinali rċevew art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata. L-għoti ta' dritt għall-użu tal-art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata għalhekk tqies bħala sussidju li jagħti benefiċċju u skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(iii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku.

(126) Il-benefiċċju ġie kkalkolat fl-investigazzjoni oriġinali billi tqieset id-differenza bejn l-ammont fil-fatt imħallas minn kull wieħed mill-produtturi esportaturi inklużi fil-kampjun għad-drittijiet għall-użu tal-art u l-ammont li normalment kellu jitħallas fuq il-bażi tal-prezzijiet mit-Tajpej Ċiniż, li ntuża bħala prezz referenzjarju estern. L-ammont totali ta' sussidju ġie allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni bl-użu tat-tul tal-ħajja normali tad-dritt għall-użu tal-art għal art għall-użu industrijali, jiġifieri 50 sena. ([77])

(127) Il-Kummissjoni stabbiliet ukoll li s-sussidju kien speċifiku skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji jistgħu jibbenefikaw mill-iskema.

(128) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet ammont ta' sussidju *ad valorem* fir-rigward ta' din l-iskema bejn 0,43 % u 1,46 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.6.3.2. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(129) Fit-talba ta' skadenza u fl-annessi korrispondenti ([78]), ir-rikorrent ipprovda evidenza li l-produtturi tar-roti elettriċi Ċiniżi komplew jibbenefikaw mid-drittijiet għall-użu tal-art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

([76]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, it-Taqsima 3.7.4.
([77]) *Ibid.*, it-Taqsima 3.7.4(e).
([78]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, it-Taqsima 6.4.a.

(130) Il-qafas legali li jirregola l-forniment tad-drittijiet għall-użu tal-art fir-RPĊ baqa' l-istess u dawn id-drittijiet jistgħu jinkisbu biss mill-awtoritajiet rilevanti, li jkollhom iqisu l-politika industrijali tal-GTĊ meta jattribwixxu d-drittijiet għall-użu tal-art aktar milli jaderixxu strettament mal-prinċipji tas-suq ħieles ([79]).

(131) Barra minn hekk, f'investigazzjonijiet antisussidji riċenti, il-Kummissjoni stabbiliet li l-industriji mħeġġa, li l-industrija tar-roti elettriċi hija waħda minnhom, għadhom jirċievu d-dritt għall-użu tal-art għal renumerazzjoni inqas minn adegwata ([80]).

(132) Fl-aħħar nett, la l-GTĊ u lanqas xi produttur esportatur ma pprovdew xi evidenza li tindika li l-industrija tar-roti elettriċi mħeġġa waqfet tibbenefika mid-dritt għall-użu tal-art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata.

(133) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina għadhom jibbenefikaw minn sussidji fil-forma ta' drittijiet għall-użu tal-art għal remunerazzjoni inqas minn adegwata u għalhekk jingħata benefiċċju lill-kumpaniji riċevituri.

Speċifiċità

(134) Is-sussidji pprovduti taħt din l-iskema huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji jistgħu jibbenefikaw mill-iskema.

Benefiċċju

(135) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi u mill-GTĊ, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(136) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni xorta waħda setgħet tikkonkludi li l-GTĊ kompla jipprovdi drittijiet għall-użu tal-art lill-produtturi tar-roti elettriċi għal renumerazzjoni inqas minn adegwata, li jikkostitwixxu kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju skont l-Artikolu 3(1)(a)(iii) u l-Artikolu 6(d) tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(137) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' drittijiet għall-użu tal-art għal renumerazzjoni inqas minn adegwata. Peress li dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju u li hija speċifika, is-sussidji taħt din l-iskema huma kumpensabbli.

3.7. **Programmi ta' tnaqqis u ta' eżenzjoni mit-taxxa diretta**

3.7.1. *Privileġġi tal-EIT għal Intrapriżi b'Teknoloġija Avvanzata u Ġdida*

3.7.1.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(138) Skont l-Artikolu 28 tal-Liġi Ċiniża dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi ("EIT"), l-intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u ġdida jistgħu jibbenefikaw minn rata ta' taxxa fuq l-introjtu mnaqqsa ta' 15 % minflok ir-rata standard ta' 25 %.

(139) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li dan it-tnaqqis fit-taxxa kien sussidju skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li jinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTĊ li jagħti benefiċċju lill-kumpaniji kkonċernati. Peress li huma biss il-kumpaniji li huma rikonoxxuti bħala intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u ġdida f'setturi appoġġati mill-Istat, il-Kummissjoni kkonkludiet ukoll li s-sussidju kien speċifiku u għalhekk kumpensabbli.

([79]) Ir-Rapport taċ-Ċina, il-Kapitolu 9.
([80]) Ir-Regolament (UE) 2023/1647, ir-Regolament (UE) 2023/1123, ir-Regolament (UE) 2022/72 u r-Regolament (UE) 2021/328.

(140) L-investigazzjoni oriġinali stabbiliet li bosta produtturi tar-roti elettriċi kienu bbenefikaw minn din l-iskema ta' sussidju. Il-benefiċċju ġie kkalkolat bħala d-differenza bejn it-taxxa totali pagabbli skont ir-rata ta' taxxa standard u t-taxxa totali pagabbli skont ir-rata ta' taxxa mnaqqsa.

(141) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema ta' sussidju ġiet stabbilita bejn 0 % u 0,70 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.7.1.2. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(142) Ir-rikorrent iddikjara li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina komplew jibbenefikaw minn din l-iskema ta' sussidju u pprovda evidenza li bosta produtturi tar-roti elettriċi huma meqjusa bħala intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u ġdida u għalhekk huma eliġibbli għas-sussidju ([81]). Ir-rikorrent ipprovda wkoll evidenza fil-forma ta' rapporti annwali li bosta produtturi tar-roti elettriċi bbenefikaw *de facto* mill-iskema wara l-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali ([82]).

(143) Barra minn hekk, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda evidenza jew indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-iskema ta' sussidju ma kinitx tkun applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(144) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina komplew jibbenefikaw minn sussidji fil-forma ta' rifużjoni tat-taxxa għall-intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u ġdida, li jagħtu benefiċċju.

Speċifiċità

(145) Is-sussidji pprovduti taħt din l-iskema huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji setgħu jibbenefikaw mill-iskema.

Benefiċċju

(146) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi u mill-GTĊ, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(147) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Madankollu, abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-GTĊ kompla jipprovdi tnaqqis fit-taxxa fuq l-introjtu, li kien jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju skont l-Artikolu 1(a)(iii) u 3 tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(148) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' dħul tal-gvern mitluf. Peress li dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju u li hija speċifika, is-sussidji taħt din l-iskema huma kumpensabbli.

3.7.2. *Tpaċija tal-EIT għall-ispejjeż tar-riċerka u l-iżvilupp*

3.7.2.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(149) L-Artikolu 30(1) tal-Liġi Ċiniża dwar it-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi ("EIT"), jipprevedi tpaċija tat-taxxa għar-riċerka u l-iżvilupp u jintitola lill-kumpaniji għal trattament tat-taxxa preferenzjali għall-ispejjeż relatati mar-R&Ż imġarrba biex jiġu żviluppati teknoloġiji ġodda, prodotti ġodda u snajja' ġodda f'ċerti oqsma ta' prijorità ta' teknoloġija avvanzata ddeterminati mill-Istat.

([81]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, l-Anness 52.
([82]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, l-Anness 11.

(150) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li t-tpaċija tat-taxxa għar-R&Ż kien sussidju skont it-tifsira tal-Artikoli 3(1)(a)(ii) u 3(2) minħabba li jinvolvi kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTĊ li jagħti benefiċċju, ugwali għall-iffrankar tat-taxxa, lill-kumpaniji kkonċernati.

(151) Il-Kummissjoni sabet ukoll li s-sussidju kien speċifiku peress li kien limitat għal intrapriżi li ġarrbu spejjeż relatati mar-R&Ż f'ċerti oqsma ta' prijorità ta' teknoloġija avvanzata ddeterminati mill-Istat, li l-industrija tar-roti elettriċi hija waħda minnhom.

(152) Ir-rata ta' sussidju stabbilita fl-investigazzjoni oriġinali fir-rigward ta' din l-iskema ta' sussidju ġiet stabbilita bejn 0 % u 0,51 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.7.2.2. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(153) Ir-rikorrent ipprovda evidenza li l-produtturi tar-roti elettriċi għadhom rikonoxxuti bħala intrapriżi ta' teknoloġija avvanzata u ġdida (ara l-premessa (142) hawn fuq) li huma attivi f'industrija mħeġġa. L-applikant ipprovda wkoll biżżejjed evidenza li bosta produtturi tar-roti elettriċi jġarrbu spejjeż sinifikanti relatati mar-R&Ż li żdiedu mill-investigazzjoni oriġinali 'l hawn.

(154) Barra dan, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda evidenza jew indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-iskema ta' sussidju ma kinitx tkun applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni jew li d-dispożizzjonijiet legali li jirregolawha kienu nbidlu.

(155) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina komplew jibbenefikaw minn sussidji fil-forma ta' trattament tat-taxxa preferenzjali għall-ispejjeż relatati mar-R&Ż.

Speċifiċità

(156) Is-sussidji pprovduti taħt din l-iskema huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji setgħu jibbenefikaw mill-iskema.

Benefiċċju

(157) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi u mill-GTĊ, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(158) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Madankollu, abbażi tal-evidenza disponibbli, il-Kummissjoni qieset li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' trattament tat-taxxa preferenzjali għall-ispejjeż relatati mar-R&Ż, li kienu jikkostitwixxu kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju skont l-Artikoli 3(1)(a)(ii) u 3(2) tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(159) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' dħul tal-gvern mitluf. Peress li dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju u li hija speċifika, is-sussidji taħt din l-iskema huma kumpensabbli.

3.7.3. *Eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu minn dividendi bejn l-intrapriżi residenti kwalifikati*

3.7.3.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(160) L-eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu minn dividendi hija prevista fl-Artikoli 25-26 tal-liġi tal-EIT u fl-Artikolu 83 tar-Regolamenti dwar l-Implimentazzjoni tat-Taxxa fuq l-Introjtu tal-Intrapriżi.

(161) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li din l-eżenzjoni mit-taxxa hija sussidju skont l-Artikolu 3(1)(a)(ii) u l-Artikolu 3(2) tar-Regolament bażiku minħabba li hemm kontribuzzjoni finanzjarja fil-forma ta' dħul mitluf mill-GTĊ li tagħti benefiċċju lill-kumpanija kkonċernata, ugwali għad-differenza bejn l-ammont ta' taxxa normalment miġbur u l-ammont ta' taxxa fil-fatt imħallas mill-kumpanija kkonċernata. Il-Kummissjoni sabet ukoll li s-sussidju huwa speċifiku peress li l-leġiżlazzjoni tillimita l-applikazzjoni għal ċerti kumpaniji.

(162) Il-Kummissjoni stabbiliet l-ammont ta' sussidju *ad valorem* għal din l-iskema ta' sussidju bejn 0 % u 0,04 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.7.3.2. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(163) Ir-rikorrent ipprovda evidenza fit-talba għal reviżjoni ta' skadenza li xi produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina huma gruppi korporattivi kbar magħmula minn bosta kumpaniji u entitajiet legali Ċiniżi u għalhekk ikunu intitolati li jkomplu jużaw din l-iskema ta' sussidju.

(164) Barra dan, il-Kummissjoni ma rċeviet l-ebda evidenza jew indikazzjoni li tissuġġerixxi li l-iskema ta' sussidju ma kinitx tkun applikabbli matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni jew li d-dispożizzjonijiet legali li jirregolawha kienu nbidlu.

(165) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina komplew jibbenefikaw minn sussidji fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu minn dividendi bejn l-intrapriżi residenti kwalifikati.

Speċifiċità

(166) Is-sussidji pprovduti taħt din l-iskema huma speċifiċi skont l-Artikolu 4(2)(a) tar-Regolament bażiku peress li għadd limitat biss ta' kumpaniji/industriji setgħu jibbenefikaw mill-iskema.

Benefiċċju

(167) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi u mill-GTĊ, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(168) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Madankollu, abbażi tal-evidenza disponibbli u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni qieset li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' eżenzjoni mit-taxxa fuq l-introjtu minn dividendi bejn l-intrapriżi residenti kwalifikati, li kienu jikkostitwixxu kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju skont l-Artikoli 3(1)(a)(ii) u 3(2) tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(169) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' dħul tal-gvern mitluf. Peress li dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju u li hija speċifika, is-sussidji taħt din l-iskema huma kumpensabbli.

3.8. **Programmi ta' għotja**

3.8.1. *Għotjiet ad hoc ipprovduti mill-awtoritajiet muniċipali/reġjonali/nazzjonali*

3.8.1.1. Sejbiet tal-investigazzjoni oriġinali

(170) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet li l-produtturi tar-roti elettriċi fir-RPĊ kienu rċevew bosta għotjiet *ad hoc* individwali mill-awtoritajiet f'diversi livelli, jiġifieri l-livell ta' gvern nazzjonali, provinċjali, tal-belt, tal-pajjiż jew distrettwali. Dawn l-għotjiet kienu ngħataw għal varjetà ta' raġunijiet u finijiet, pereżempju fondi ta' privattivi, fondi u għotjiet għax-xjenza u t-teknoloġija, fondi għall-iżvilupp tan-negozju, fondi għall-promozzjoni tal-esportazzjoni, għotjiet għall-parteċipazzjoni f'wirjiet, aġġornar tat-tagħmir tal-manifattura, taħriġ vokazzjonali u diversi fondi oħra ta' appoġġ ġenerali.

(171) L-għotjiet tqiesu bħala sussidji skont l-Artikoli 3(1)(a)(ii) u 3(2) tar-Regolament bażiku. Instab ukoll li kienu speċifiċi peress li l-Kummissjoni qieset li dawn kienu limitati għal ċerti kumpaniji jew proġetti speċifiċi f'reġjuni speċifiċi u/jew l-industrija tar-roti elettriċi. Xi għotjiet instabu wkoll li kienu kontinġenti fuq l-esportazzjoni.

(172) Il-benefiċċju ġie kkalkolat fl-investigazzjoni oriġinali bħala l-ammont riċevut fil-perjodu ta' investigazzjoni, jew allokat għall-perjodu ta' investigazzjoni fejn l-ammont ġie deprezzat matul il-ħajja utli tal-assi fiss li miegħu kienet relatata l-għotja. ([83])

(173) Il-Kummissjoni stabbiliet ir-rata ta' sussidju fir-rigward ta' din il-miżura bejn 0,07 % u 0,25 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun.

3.8.1.2. Kontinwazzjoni tal-programm ta' sussidju

(174) Ir-rikorrent ipprovda evidenza fit-talba għal reviżjoni ta' skadenza li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina komplew jirċievu għotjiet *ad hoc* individwali mill-awtoritajiet muniċipali u reġjonali ([84]) għal ammonti sinifikanti, li juri li l-appoġġ mill-gvern għall-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina huwa komprensiv, mifrux mal-pajjiż kollu u sistemiku.

(175) Barra minn hekk, la l-GTĊ u lanqas xi produttur esportatur ma jipprovdu xi evidenza jew indikazzjoni li jissuġġerixxu li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina ma tibqax tibbenefika minn dawn l-għotjiet. Tabilħaqq, peress li l-industrija inkwistjoni hija industrija mħeġġa u l-iżvilupp tagħha huwa prijorità għall-GTĊ, il-Kummissjoni qieset li huwa inkonċepibbli li l-produtturi tar-roti elettriċi ma komplewx jirċievu bosta u diversi għotjiet *ad hoc* mill-awtoritajiet f'diversi livelli amministrattivi biex jiġi żgurat l-iżvilupp kontinwu tal-industrija f'konformità mal-politika industrijali nazzjonali.

(176) Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina komplew jibbenefikaw minn sussidji fil-forma ta' diversi għotjiet.

Speċifiċità

(177) Fin-nuqqas ta' kwalunkwe evidenza għall-kuntrarju, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-għotjiet ad hoc huma speċifiċi għall-istess raġunijiet bħal dawk fl-investigazzjoni oriġinali (ara l-premessa (171)).

Benefiċċju

(178) Fin-nuqqas ta' tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi u mill-GTĊ, il-Kummissjoni ma kellha l-ebda informazzjoni speċifika għall-kumpaniji li fuqha seta' jiġi kkalkolat l-ammont ta' sussidju riċevut matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(179) Madankollu, f'reviżjoni ta' skadenza mhuwiex meħtieġ li jiġi kkwantifikat l-ammont eżatt ta' sussidji riċevuti. Madankollu, abbażi tal-evidenza disponibbli u fin-nuqqas ta' kwalunkwe argument għall-kuntrarju, il-Kummissjoni qieset li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' għotjiet *ad hoc* minn diversi livelli ta' gvern, li kienu jikkostitwixxu kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju skont l-Artikoli 3(1)(a)(i) u (3)2 tar-Regolament bażiku.

Konklużjoni

(180) Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika minn sussidji fil-forma ta' għotjiet. Peress li dan jikkostitwixxi kontribuzzjoni finanzjarja li tagħti benefiċċju u li hija speċifika, is-sussidji taħt din l-iskema huma kumpensabbli.

([83]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/72, il-premessa (571).
([84]) It-talba għal reviżjoni ta' skadenza, it-Taqsima 6.2.e. u l-Annessi korrispondenti.

3.9. **Konklużjoni ġenerali dwar il- kontinwazzjoni ta' sussidjar**

(181) Fl-investigazzjoni oriġinali, il-Kummissjoni stabbiliet ammont totali ta' sussidju *ad valorem* kumpensabbli li jvarja bejn 3,9 % u 17,2 % għall-kumpaniji li kkooperaw inklużi fil-kampjun. Hija stabbiliet ukoll ammont ta' sussidji kumpensabbli għall-kumpaniji li kkooperaw mhux inklużi fil-kampjun ta' 9,2 % u rata tad-dazju fil-pajjiż kollu għall-produtturi esportaturi l-oħra kollha ta' 17,2 %.

(182) Minħabba s-sejbiet tal-Kummissjoni fir-rigward tad-diversi skemi u programmi ta' sussidju eżaminati hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi tar-roti elettriċi fiċ-Ċina komplew jibbenefikaw minn sussidji kumpensabbli f'livell li jaqbeż *de minimis* matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(183) Wara d-divulgazzjoni, parti interessata waħda ddikjarat li l-konklużjoni li l-industrija tar-roti elettriċi fiċ-Ċina kompliet tibbenefika mis-sussidji kienet żbaljata. Sabiex tiġi ssostanzjata din l-affermazzjoni, ġew mehmuża sottomissjonijiet ta' tliet rappreżentanti tal-produtturi Ċiniżi tar-roti elettriċi, li fihom dikjarazzjonijiet li ma waslu l-ebda sussidji. Il-Kummissjoni qieset li, fid-dawl tal-fatt li dawn il-produtturi ma kinux ippreżentaw ruħhom fl-investigazzjoni u ma kinux ikkooperaw, id-dikjarazzjonijiet ta' dawn il-produtturi, li ġew sottomessi mingħajr ebda evidenza sottostanti, ma setgħux jiġu aċċettati. Konsegwentement, il-pretensjoni ġiet miċħuda.

3.10. **Żvilupp tal-importazzjonijiet jekk il-miżuri jitħassru**

(184) Minbarra s-sejba tal-eżistenza ta' sussidjar kontinwu matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, il-Kummissjoni investigat il-probabbiltà ta' kontinwazzjoni ta' importazzjonijiet sussidjati mill-pajjiż ikkonċernat, jekk il-miżuri jitħassru. Ġew analizzati l-elementi addizzjonali li ġejjin; il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni.

3.10.1. *Kapaċità ta' produzzjoni u kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ*

(185) Fin-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u mill-produtturi esportaturi Ċiniżi, il-Kummissjoni bbażat is-sejbiet tagħha dwar il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ fuq l-informazzjoni pprovduta mill-applikant fit-talba tiegħu għal rieżami.

(186) L-informazzjoni disponibbli wriet li hemm kapaċità żejda ġenerali fil-produzzjoni tar-roti elettriċi fiċ-Ċina matul il-perjodu kkunsidrat. Il-kapaċità ta' produzzjoni ([85]) fiċ-Ċina matul dan il-perjodu kienet stmata għal 130 miljun unità kull sena. Barra minn hekk, il-produzzjoni Ċiniża tar-roti standard tista' faċilment tinbidel għall-produzzjoni tar-roti elettriċi, b'kapaċità totali potenzjali ta' aktar minn 400 miljun unità. ([86]) Skont l-informazzjoni dwar is-suq tar-rikorrent, il-produzzjoni u l-bejgħ reali Ċiniżi ammontaw għal 57 miljun unità kull sena, li indikaw kapaċità ta' riżerva stmata ta' 73 miljun unità matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. ([87]) Din il-kapaċità ta' riżerva, li kienet kważi ħmistax-il darba tal-konsum totali tal-Unjoni matul l-istess perjodu, tista' tiġi esportata lejn l-Unjoni jekk il-miżuri attwali jiskadu.

(187) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-produtturi esportaturi Ċiniżi għandhom kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti, li jistgħu jintużaw għall-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni fi kwantitajiet kbar bi prezzijiet sussidjati jekk il-miżuri jitħallew jiskadu.

([85]) Skont l-informazzjoni pprovduta mir-rikorrent abbażi tal-għarfien tiegħu dwar is-suq, l-informazzjoni mis-siti web ta' għadd kbir ta' produtturi tar-roti elettriċi Ċiniżi u l-*"White Paper dwar l-Industrija tal-Vetturi Elettriċi b'Żewġ Roti Ċiniża"*, disponibbli fuq https://m.thepaper.cn/baijahao_17589803 (ikkonsultata l-aħħar fis-7 ta' Ottubru 2024). Ara l-Anness 8 tat-talba, disponibbli fuq Tron.tdi t24.000756.

([86]) Ibbażat fuq l-għarfien dwar is-suq tar-rikorrent u s-siti web tal-produtturi tar-roti elettriċi Ċiniżi magħrufa. Ara l-Anness 4 tat-talba, disponibbli fuq Tron.tdi t24.000756.

([87]) Ibbażat fuq is-sorsi msemmija fin-noti 85 u 96 f'qiegħ il-paġna. Ara l-Annessi 8 u 9 tat-talba, disponibbli fuq Tron.tdi t24.000756.

3.10.2. *Attraenza tas-suq tal-Unjoni*

(188) Abbażi tal-informazzjoni pprovduta fit-talba, is-suq tal-Unjoni għar-roti elettriċi baqa' attraenti għall-esportaturi Ċiniżi. Mill-investigazzjoni oriġinali, l-importazzjonijiet mir-RPĊ naqsu kemm f'termini assoluti kif ukoll f'termini relattivi. Madankollu, mill-2020 'l hawn, meta l-volum tal-importazzjonijiet miċ-Ċina kien fil-livell l-aktar baxx, l-importazzjonijiet żdiedu b'mod sinifikanti u kważi rduppjaw minkejja l-miżuri fis-seħħ (ara t-Tabella 2 hawn taħt). Is-sehem mis-suq li qabel kien miżmum mir-RPĊ, ittieħed parzjalment minn pajjiżi terzi oħra bħat-Tajwan, li żied il-volumi tal-esportazzjoni tiegħu tal-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni mill-investigazzjoni preċedenti 'l hawn. Fl-istess ħin, ir-RPĊ kienet għadha t-tieni l-akbar esportatur tar-roti elettriċi lejn l-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. Dan juri li l-Unjoni baqgħet suq attraenti għall-esportaturi mir-RPĊ.

(189) Is-suq tal-Unjoni għar-roti elettriċi huwa wieħed mill-akbar fid-dinja, b'konsum ta' 4 979 000 unità matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. Barra minn hekk, kif spjegat fit-talba għal reviżjoni ta' skadenza, id-domanda għar-roti elettriċi hija mistennija li tikber fis-snin li ġejjin minħabba (fost affarijiet oħra) il-politiki ambjentali fl-Unjoni.

(190) Barra minn hekk, anke bil-miżuri fis-seħħ, l-esportazzjonijiet Ċiniżi lejn l-Unjoni komplew u għandhom sehem mis-suq mhux negliġibbli li wera li s-suq tal-Unjoni baqa' u se jibqa' attraenti għall-produtturi esportaturi Ċiniżi.

(191) Għalhekk, abbażi tal-kapaċità żejda sinifikanti fir-RPĊ u l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li, jekk il-miżuri attwali jiskadu, x'aktarx li l-produtturi esportaturi Ċiniżi jkomplu u jżidu l-esportazzjonijiet tagħhom tar-roti elettriċi sussidjati lejn l-Unjoni fi kwantitajiet kbar.

3.10.3. *Konklużjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' sussidjar*

(192) Fid-dawl tas-sejbiet tagħha dwar il-kontinwazzjoni ta' sussidjar matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni u dwar l-iżvilupp probabbli ta' żieda fl-esportazzjonijiet lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jiskadu, il-Kummissjoni kkonkludiet li hemm probabbiltà kbira li l-iskadenza tal-miżuri kumpensatorji fuq l-importazzjonijiet tar-roti elettriċi mir-RPĊ tirriżulta fil-kontinwazzjoni ta' importazzjonijiet sussidjati.

4. **DANNU**

4.1. **Definizzjoni tal-industrija tal-Unjoni u tal-produzzjoni tal-Unjoni**

(193) Il-prodott simili ġie mmanifatturat minn 67 produttur fl-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat. Dawn jikkostitwixxu l-"industrija tal-Unjoni" skont it-tifsira tal-Artikolu 9(1) tar-Regolament bażiku.

(194) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni ġiet stabbilita għal madwar 4 560 000 unità. Dan l-għadd ġie stabbilit fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli rigward l-industrija tal-Unjoni, bħar-rapport dwar l-Industrija Ewropea tar-Roti u l-Profil tas-Suq, u studju ekonomiku mwettaq mill-Konfederazzjoni tal-Industrija Ewropea tar-Roti (il-"CONEBI"). Kif indikat fil-premessa (11), intgħażlu tliet produtturi tal-Unjoni fil-kampjun li jirrappreżentaw 23,4 % tal-produzzjoni totali tal-Unjoni fir-rigward tal-prodott simili.

4.2. **Konsum tal-Unjoni**

(195) Il-Kummissjoni stabbiliet il-konsum tal-Unjoni fuq il-bażi tal-istatistika tal-Eurostat dwar l-importazzjoni u l-volum tal-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni fl-Unjoni, kif ippreżentat mill-CONEBI.

(196) Il-konsum tal-Unjoni żviluppa kif ġej:

Tabella 1

Konsum tal-Unjoni (unitajiet)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Konsum Totali tal-Unjoni (unitajiet)	4 377 000	4 892 000	5 325 000	4 979 000
Indiċi	*100*	*112*	*122*	*114*

Sors: l-Eurostat u l-CONEBI

(197) Il-konsum totali tar-roti elettriċi fl-UE żdied minn madwar 4,3 miljun rota elettrika fl-2020 għal 5,3 miljun rota elettrika fl-2022. It-titjib fid-disinn u fil-prestazzjoni, ikkombinat ma' sensibilizzazzjoni ambjentali akbar fost iċ-ċittadini tal-UE, wasslu għal żieda kostanti fil-konsum tar-roti elettriċi. Madankollu, fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, il-konsum tar-roti elettriċi fl-UE naqas bi 346 000 unità meta mqabbel mal-2022 wara tnaqqis fid-domanda li seħħ xi żmien wara t-tneħħija tal-aħħar miżuri tal-COVID-19 fl-ewwel nofs tal-2022.

4.3. **Importazzjonijiet mir-RPĊ**

4.3.1. *Volum u sehem mis-suq tal-importazzjonijiet mir-RPĊ*

(198) Il-Kummissjoni stabbiliet il-volum tal-importazzjonijiet abbażi tad-*data* tal-Eurostat.

(199) Imbagħad is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet ġie stabbilit billi tqabblu l-volumi tal-importazzjonijiet mal-konsum fl-Unjoni kif jidher fit-Tabella 1.

(200) L-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppaw kif ġej:

Tabella 2

Volum tal-importazzjonijiet (unitajiet) u sehem mis-suq

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Volum tal-importazzjonijiet mir-RPĊ (unitajiet)	102 757	210 806	268 148	220 914
Indiċi	*100*	*205*	*261*	*215*
Sehem mis-suq (%)	2,3	4,3	5,0	4,4
Indiċi	*100*	*184*	*214*	*189*

Sors: l-Eurostat u l-CONEBI

(201) Anke bil-miżuri fis-seħħ, is-sehem mis-suq tal-importazzjonijiet Ċiniżi żdied minn 2,3 % fl-2020 għal 4,4 % fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

4.3.2. *Prezzijiet tal-importazzjonijiet mir-RPĊ u twaqqigħ tal-prezz*

(202) Il-Kummissjoni stabbiliet il-prezzijiet tal-importazzjonijiet fuq il-bażi tad-*data* tal-Eurostat.

(203) Il-prezz medju tal-importazzjonijiet fl-Unjoni mir-RPĊ żviluppa kif ġej:

Tabella 3

Prezzijiet tal-importazzjonijiet (EUR/unità)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Ir-RPĊ	294	354	449	298
Indiċi	*100*	*120*	*153*	*101*

Sors: l-Eurostat

(204) Il-prezzijiet medji tal-importazzjonijiet mir-RPĊ komplew ikunu estremament baxxi matul il-perjodu kkunsidrat. Fl-2020 u l-2021, il-prezzijiet irrappurtati mill-Eurostat kienu saħansitra aktar baxxi mill-prezzijiet medji li nstabu fl-investigazzjoni inizjali (jiġifieri bejn EUR 422 u EUR 477).

(205) Abbażi tad-*data* tal-Eurostat, il-prezzijiet fl-2022 kienu temporanjament ogħla, iżda xorta waħda aktar baxxi mill-prezzijiet tal-importazzjonijiet Ċiniżi fl-2016 (jiġifieri EUR 477).

(206) Peress li ma kien hemm l-ebda kooperazzjoni mill-produtturi esportaturi fir-RPĊ, il-Kummissjoni ddeterminat it-twaqqigħ tal-prezz matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni billi qabblet:

(1) il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ tal-prodott taħt rieżami tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun li ġew iddebitati lill-klijenti mhux relatati fis-suq tal-Unjoni, aġġustat għal livell tal-prezz mill-fabbrika; u

(2) il-prezzijiet medji ponderati korrispondenti tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ lejn is-suq tal-Unjoni, stabbiliti fuq bażi ta' Kost, assigurazzjoni u nol (CIF), inkluż id-dazju anti-dumping (il-kumpaniji l-oħra kollha 62,1 %) u d-dazju kompensatorju (il-kumpaniji l-oħra kollha 17,2 %), b'aġġustamenti xierqa għad-dazji doganali (6 %) u għall-kostijiet ta' wara l-importazzjoni (2 %).

(207) Ir-riżultat tat-tqabbil ġie espress bħala perċentwal tal-fatturat tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. It-twaqqigħ tal-prezz varja minn 68 % sa 80 %. Mingħajr id-dazji, it-twaqqigħ tal-prezz ammonta għal 82,8 %.

4.3.3. *Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ*

(208) L-importazzjonijiet tar-roti elettriċi minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ kienu prinċipalment mit-Tajwan u l-Vjetnam.

(209) Il-volum (aggregat) tal-importazzjonijiet fl-Unjoni kif ukoll is-sehem mis-suq u x-xejriet tal-prezzijiet għall-importazzjonijiet tar-roti elettriċi minn pajjiżi terzi oħra żviluppaw kif ġej:

Tabella 4

Importazzjonijiet minn pajjiżi terzi

Pajjiż		2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
It-Tajwan	Volum (unitajiet)	506 822	539 473	598 920	435 315
	Indiċi	*100*	*106*	*118*	*86*
	Sehem mis-suq (%)	11,6	11,0	11,2	8,7

Pajjiż		2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
	Prezz medju (EUR/unità)	1 092	1 046	1 168	1 393
	Indiċi	*100*	*96*	*107*	*128*
Il-Vjetnam	Volum (unitajiet)	162 787	173 204	210 321	199 070
	Indiċi	*100*	*106*	*129*	*122*
	Sehem mis-suq (%)	3,7	3,5	3,9	4,0
	Prezz medju (EUR/unità)	542	585	762	790
	Indiċi	*100*	*108*	*140*	*146*
Total tal-pajjiżi terzi kollha għajr il-pajjiż ikkonċernat	Volum (unitajiet)	827 640	960 338	1 081 033	812 356
	Indiċi	*100*	*116*	*131*	*98*
	Sehem mis-suq (%)	18,9	19,6	20,3	16,3
	Prezz medju (EUR/unità)	966	935	1 082	1 258
	Indiċi	*100*	*97*	*112*	*130*

Sors: l-Eurostat

(210) L-ishma mis-suq tal-importazzjonijiet totali tal-prodott taħt rieżami minn pajjiżi terzi għajr ir-RPĊ żdiedu bejn l-2020 u l-2022 u laħqu l-20,3 % fl-2022. Madankollu, fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni dan naqas għal 16,3 %, livell aktar baxx milli fl-2020.

4.4. **Sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni**

4.4.1. *Kummenti ġenerali*

(211) Il-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni kienet tinkludi evalwazzjoni tal-indikaturi ekonomiċi kollha li influwenzaw l-istat tal-industrija tal-Unjoni matul il-perjodu kkunsidrat.

(212) Kif imsemmi fil-premessa (11), il-kampjunar intuża għall-valutazzjoni tas-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni.

(213) Sabiex tiddetermina d-dannu, il-Kummissjoni għamlet distinzjoni bejn l-indikaturi tad-dannu makroekonomiċi u dawk mikroekonomiċi. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi makroekonomiċi fuq il-bażi tal-informazzjoni pprovduta mill-CONEBI. Id-*data* kienet relatata mal-produtturi kollha tal-Unjoni. Il-Kummissjoni evalwat l-indikaturi mikroekonomiċi abbażi tad-*data* inkluża fit-tweġibiet għall-kwestjonarju mill-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun.

(214) L-indikaturi makroekonomiċi huma: il-produzzjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni, l-użu tal-kapaċità, il-volum tal-bejgħ, is-sehem mis-suq, it-tkabbir, l-impjiegi, il-produttività, il-kobor tal-marġini ta' sussidju, u l-irkupru minn sussidjar li sar fil-passat.

(215) L-indikaturi mikroekonomiċi huma: il-prezzijiet medji tal-bejgħ, il-kost ta' unità, il-kostijiet lavorattivi, l-inventarji, il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti, ir-redditu fuq l-investimenti, u l-kapaċità li jiġi ġġenerat il-kapital.

4.4.2. *Indikaturi makroekonomiċi*

4.4.2.1. Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità

(216) Il-produzzjoni totali tal-Unjoni, il-kapaċità ta' produzzjoni u l-użu tal-kapaċità żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 5

Produzzjoni, kapaċità ta' produzzjoni u użu tal-kapaċità

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Volum tal-produzzjoni (unitajiet)	3 428 000	4 284 000	5 145 000	4 560 000
Indiċi	*100*	*125*	*150*	*133*
Kapaċità ta' produzzjoni (unitajiet)	5 801 885	7 501 519	7 550 464	7 103 289
Indiċi	*100*	*129*	*130*	*122*
Użu tal-kapaċità (%)	59	57	68	64
Indiċi	*100*	*97*	*115*	*109*

Sors: il-CONEBI, produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(217) Il-kapaċità ta' produzzjoni u l-produzzjoni fl-Unjoni żdiedu b'mod kostanti fil-perjodu mill-2020 sal-2022 bħala konsegwenza ta' żieda fid-domanda matul il-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni kien hemm tnaqqis fil-volumi u l-kapaċitajiet tal-produzzjoni minħabba żieda fl-akkumulazzjoni tal-istokk matul il-COVID-19, fejn il-produtturi tal-Unjoni antiċipaw bejgħ kontinwu f'livell aċċellerat għoli, li ma seħħx peress li, wara l-COVID-19, id-domanda naqset b'mod sinifikanti.

4.4.2.2. Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq

(218) Il-volum tal-bejgħ u s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 6

Volum tal-bejgħ u sehem mis-suq (unitajiet)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Volum tal-bejgħ totali fis-suq tal-Unjoni	3 446 603	3 720 856	3 975 819	3 945 730
Indiċi	*100*	*108*	*115*	*114*
Sehem mis-suq (%)	78,7	76,1	74,7	79,2
Indiċi	*100*	*97*	*95*	*101*

Sors: il-CONEBI, produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(219) Il-bejgħ żdied matul il-perjodu kkunsidrat, speċjalment minħabba żieda fid-domanda matul il-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, ladarba l-miżuri tal-COVID-19 tneħħew, id-domanda għar-roti elettriċi naqset u dan irriżulta f'ċifri tal-bejgħ aktar baxxi fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. Barra minn hekk, is-sitwazzjoni ekonomika fl-2022 u l-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni (kostijiet ogħla tal-enerġija, inflazzjoni, b'mod partikolari) kellhom effett mhux biss fuq l-industrija tal-Unjoni iżda wkoll fuq il-konsumaturi, b'mod partikolari dawk b'inqas kapaċità tal-akkwist. Għalhekk, il-bejgħ tal-industrija tal-Unjoni staġna fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni meta mqabbel mal-2022, filwaqt li s-sehem mis-suq tal-industrija tal-Unjoni żdied b' 4,5 punti perċentwali.

4.4.2.3. Impjiegi u produttività

(220) L-impjiegi u l-produttività żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 7

Impjiegi u produttività

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Għadd ta' impjegati	8 354	10 972	12 125	10 716
Indiċi	*100*	*131*	*145*	*128*
Produttività (unitajiet/impjegat)	410	390	424	426
Indiċi	*100*	*95*	*103*	*104*

Sors: il-CONEBI, produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(221) L-industrija tal-Unjoni żiedet il-livell ta' impjiegi bi 28 % fil-perjodu kkunsidrat. Il-biċċa l-kbira ta' din iż-żieda seħħet bejn l-2020 u l-2022 bħala konsegwenza ta' żieda fid-domanda matul il-pandemija tal-COVID-19. Fl-2023 kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' impjegati minħabba t-tnaqqis fil-volumi tal-produzzjoni. Il-produttività baqgħet pjuttost stabbli fil-perjodu kkunsidrat.

4.4.2.4. Tkabbir

(222) Billi l-bejgħ baqa' stabbli fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni meta mqabbel mal-2022, filwaqt li l-konsum naqas, l-industrija tal-Unjoni rnexxielha żżid is-sehem mis-suq tagħha b' 4,5 % f'dak il-perjodu.

4.4.2.5. Daqs tal-marġni tas-sussidju u l-irkupru minn sussidjar tal-passat

(223) Il-livell tal-importazzjonijiet mir-RPĊ matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni kien relattivament limitat, u kien jirrappreżenta 4,4 % tal-konsum tal-Unjoni. Għalhekk, l-impatt tad-daqs tas-sussidjar fuq l-industrija tal-Unjoni kien pjuttost limitat.

4.4.3. *Indikaturi mikroekonomiċi*

4.4.3.1. Prezzijiet u fatturi li jaffettwaw il-prezzijiet

(224) Il-prezzijiet medji ponderati tal-bejgħ ta' unità tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni żviluppaw kif ġej matul il-perjodu taħt kunsiderazzjoni:

Tabella 8

Prezzijiet tal-bejgħ u kost tal-produzzjoni fl-Unjoni (EUR/unità)

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Prezz tal-bejgħ ta' unità medja fl-Unjoni	1 533	1 633	1 719	1 871
Indiċi	*100*	*107*	*112*	*122*
Kost ta' unità tal-produzzjoni	1 419	1 516	1 589	1 786
Indiċi	*100*	*107*	*112*	*126*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(225) Il-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun, kif ukoll il-kostijiet tal-produzzjoni, żdiedu fil-perjodu kkunsidrat, li fl-2020 u fl-2021 kienu jirriflettu prinċipalment bidla fit-taħlita ta' prodotti u l-avvanzi teknoloġiċi fil-magni u l-batteriji tar-roti elettriċi, filwaqt li fl-2022 u fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, dik iż-żieda kienet tirrifletti wkoll żieda fil-kostijiet tal-produzzjoni minħabba s-sitwazzjoni ekonomika ġenerali kkaratterizzata mill-inflazzjoni u kostijiet ogħla tal-enerġija.

4.4.3.2. Kostijiet lavorattivi

(226) Il-kostijiet lavorattivi medji tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 9

Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat (EUR)	28 793	31 722	32 122	35 447
Indiċi	*100*	*110*	*112*	*123*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(227) Għalkemm kien hemm tnaqqis fl-għadd ta' impjegati fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni meta mqabbel mal-2022 wara tnaqqis fid-domanda, il-kostijiet lavorattivi medji għal kull impjegat żdiedu b'mod kostanti fil-perjodu kkunsidrat.

4.4.3.3. Inventarji

(228) Il-livelli tal-istokks tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 10

Inventarji

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Closing stocks (unitajiet)	37 309	30 236	77 734	198 958
Indiċi	*100*	*81*	*208*	*533*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(229) Iż-żidiet fl-inventarji kienu dovuti għaż-żieda fl-akkumulazzjoni tal-istokk matul il-COVID-19, fejn kien hemm żieda sinifikanti fid-domanda, ikkombinata mal-kwistjonijiet tal-katina tal-provvista peress li l-produtturi tal-Unjoni kienu qed jordnaw b'mod eċċessiv materja prima u komponenti biex jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-produzzjoni. Madankollu, ladarba l-kwistjonijiet tal-katina tal-provvista jkunu ġew solvuti, il-produtturi tal-Unjoni rċevew aktar materja prima u komponenti milli kienu jeħtieġu. Dan ġie segwit bi tnaqqis fid-domanda għar-roti elettriċi fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni meta mqabbel mal-2022 li ħalla lill-produtturi tal-Unjoni b'għadd kbir ħafna ta' inventarji fi tmiem il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

4.4.3.4. Profittabilità, fluss tal-flus, investimenti, redditu fuq l-investimenti u kapaċità li jiġi ġġenerat kapital

(230) Il-profittabbiltà, il-fluss tal-flus, l-investimenti u r-redditu fuq l-investimenti tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun żviluppaw kif ġej matul il-perjodu kkunsidrat:

Tabella 11

Profittabbiltà, fluss tal-flus, investimenti u redditu fuq l-investimenti

	2020	2021	2022	Perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni
Profittabbiltà tal-bejgħ fl-Unjoni lil klijenti mhux relatati (% tal-fatturat mill-bejgħ)	7,5	7,4	7,8	5,4
Indiċi	*100*	*98*	*104*	*72*
Fluss tal-flus (EUR)	145 777 915	96 187 869	68 459 937	- 86 504 717
Indiċi	*100*	*66*	*47*	*- 59*
Investimenti (EUR)	5 545 607	12 373 944	11 588 325	5 781 801
Indiċi	*100*	*223*	*209*	*104*
Redditu fuq l-investimenti (%)	147	127	163	111
Indiċi	*100*	*86*	*111*	*75*

Sors: il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun

(231) Il-Kummissjoni stabbiliet il-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun billi esprimiet il-profitt nett qabel it-taxxa tal-bejgħ tal-prodott simili lil klijenti mhux relatati fl-Unjoni bħala persentaġġ tal-fatturat ta' dak il-bejgħ. Il-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun baqgħu profittabbli matul il-perjodu kkunsidrat. Madankollu, fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, il-profittabbiltà naqset minħabba żieda fil-kostijiet.

(232) Il-profittabbiltà stabbli ġenerali fil-perjodu kkunsidrat ippermettiet lill-industrija tal-Unjoni tagħmel investimenti kbar.

(233) Il-fluss tal-flus nett huwa l-abbiltà tal-produtturi tal-Unjoni li jiffinanzjaw l-attivitajiet tagħhom huma stess. Il-fluss tal-flus naqas b'mod sinifikanti matul il-perjodu kkunsidrat u sar negattiv fl-2023. Ir-redditu fuq l-investimenti ddeterjora wkoll, u dan għamilha aktar diffiċli għall-industrija tal-Unjoni biex tiġbor il-kapital u tikber. Dan irriżulta fi tnaqqis fl-investimenti ta' 50 % fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni meta mqabbel mal-2022.

4.5. **Konklużjoni dwar id-dannu**

(234) L-indikaturi makro bħall-produzzjoni, il-bejgħ u l-impjiegi tal-Unjoni żdiedu b'mod kostanti fil-perjodu mill-2020 sal-2022, bħala konsegwenza ta' żieda fid-domanda matul il-pandemija tal-COVID-19. Madankollu, fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, il-volumi tal-produzzjoni, il-kapaċitajiet, il-bejgħ u l-impjiegi naqsu, minħabba żieda fl-akkumulazzjoni tal-istokk matul il-pandemija tal-COVID-19, segwita minn tnaqqis fid-domanda bħala riżultat tat-tneħħija tal-miżuri tal-COVID-19 u l-bidla fis-sitwazzjoni ekonomika fl-Unjoni, ikkaratterizzata b'mod partikolari minn kostijiet għoljin tal-enerġija u inflazzjoni.

(235) Fir-rigward tal-indikaturi mikroekonomiċi, l-investigazzjoni stabbiliet li l-profittabbiltà tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun fil-perjodu mill-2020 sal-2022 baqgħet ogħla minn 7 %. Madankollu, fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni, il-profittabbiltà tal-industrija tal-Unjoni naqset għal 5,4 %. Il-fluss tal-flus naqas mill-2020 sal-2022 u sar negattiv fl-2023. Ir-redditu fuq l-investimenti ddeterjora wkoll, u dan għamilha aktar diffiċli għall-industrija tal-Unjoni biex tiġbor il-kapital u tikber.

(236) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-industrija tal-Unjoni kienet irkuprat minn dannu materjali tal-passat skont it-tifsira tal-Artikolu 8 tar-Regolament bażiku, li ġie kkawżat minn importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ. Madankollu, matul il-perjodu kkunsidrat, għadd ta' indikaturi tad-dannu ddeterjoraw, u l-industrija tal-Unjoni rritornat għal sitwazzjoni ekonomikament fraġli. Għalhekk, il-Kummissjoni eżaminat ukoll il-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu kkawżat oriġinarjament minn importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ jekk il-miżuri kellhom jitħassru.

5. **PROBABBILTÀ TA' RIKORRENZA TA' DANNU**

(237) Il-Kummissjoni analizzat l-elementi li ġejjin sabiex tistabbilixxi l-probabbiltà ta' rikorrenza ta' dannu jekk il-miżuri jitħassru: il-kapaċità ta' produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ, ir-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni u l-impatt tal-importazzjonijiet potenzjali u l-livelli tal-prezzijiet ta' dawn l-importazzjonijiet minn dawn il-pajjiżi fuq is-sitwazzjoni tal-industrija tal-Unjoni.

5.1. **Kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u attraenza tas-suq tal-Unjoni**

(238) Kif diġà ġie deskritt u dettaljat fit-Taqsima 3.10.1 hawn fuq, il-produtturi esportaturi fir-RPĊ għandhom kapaċitajiet ta' riżerva sinifikanti li jistgħu jintużaw biex jipproduċu l-prodott taħt rieżami għall-esportazzjoni lejn l-Unjoni jekk il-miżuri jitħallew jiskadu. Il-kwantitajiet li jistgħu jiġu esportati mill-produtturi esportaturi Ċiniżi jammontaw għal 73 miljun unità, li jaqbżu bil-bosta d-daqs tas-suq tal-Unjoni.

(239) Kif deskritt u dettaljat fit-Taqsima 3.10.2 hawn fuq, is-suq tal-Unjoni għar-roti elettriċi huwa wieħed mill-akbar fid-dinja u d-domanda għar-roti elettriċi hija mistennija li tikber fis-snin li ġejjin minħabba, fost punti oħra, il-politiki ambjentali fl-Unjoni. Il-produtturi esportaturi Ċiniżi esportaw lejn is-swieq terzi prinċipali tagħhom bi prezzijiet sinifikattivament inqas mill-prezzijiet medji tal-bejgħ tal-produtturi tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni matul il-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni. Għalhekk, l-esportazzjoni lejn l-Unjoni hija potenzjalment ħafna aktar attraenti għall-esportaturi Ċiniżi. Konsegwentement, jista' jkun raġonevolment mistenni li, jekk il-miżuri jitħassru, il-produtturi esportaturi Ċiniżi jibdew jesportaw volumi kbar tal-prodott taħt rieżami lejn l-Unjoni.

5.2. **Prezzijiet tal-importazzjoni probabbli u impatt fuq l-industrija tal-Unjoni**

(240) Sabiex jiġi stabbilit kif l-importazzjonijiet mir-RPĊ jaffettwaw l-industrija tal-Unjoni jekk il-miżuri jintemmu, il-Kummissjoni wettqet analiżi komparattiva tal-prezzijiet mingħajr l-eżistenza ta' miżuri antisussidji.

(241) Sabiex jiġi stmat il-prezz probabbli li bih il-produtturi Ċiniżi jbigħu meta jesportaw lejn is-suq tal-Unjoni, il-Kummissjoni għamlet tqabbil tal-prezzijiet bejn il-prezz medju (mill-fabbrika) tal-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun mal-prezz medju korrispondenti tal-prodott taħt rieżami mir-RPĊ meta jiġi esportat lejn pajjiżi terzi bħar-Renju Unit, it-Turkija, in-Norveġja jew is-Serbja, li għandhom kodiċijiet separati għar-roti elettriċi u l-ebda miżura fis-seħħ.

(242) Ir-riżultat tat-tqabbil wera li l-prezz medju tal-esportazzjonijiet Ċiniżi tal-prodott ikkonċernat lejn il-pajjiżi ta' hawn fuq varja minn EUR 210 sa EUR 650, jiġifieri sinifikattivament aktar baxx mill-prezz tal-industrija tal-Unjoni fis-suq tal-Unjoni. Għalhekk, jekk il-miżuri jitħallew jiskadu, ikun probabbli li l-importazzjonijiet mir-RPĊ jidħlu fis-suq f'volumi kbar, bħal fil-perjodu ta' investigazzjoni tal-investigazzjoni oriġinali u bi prezzijiet baxxi li jikkawżaw dannu.

(243) Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, il-konklużjoni hija li t-tħassir tal-miżuri x'aktarx li jirriżulta f'żieda sinifikanti ta' importazzjonijiet sussidjati mir-RPĊ f'livelli ta' prezzijiet dannużi. B'konsegwenza ta' dan, il-vijabbiltà tal-industrija tal-Unjoni tkun f'riskju serju.

6. **INTERESS TAL-UNJONI**

(244) F'konformità mal-Artikolu 31 tar-Regolament bażiku, il-Kummissjoni eżaminat jekk iż-żamma tal-miżuri antisussidji eżistenti tmurx kontra l-interess tal-Unjoni kollha kemm hi. Id-determinazzjoni tal-interess tal-Unjoni kienet ibbażata fuq apprezzament tad-diversi interessi kollha involuti, inklużi dawk tal-industrija tal-Unjoni, tal-importaturi u tal-utenti.

6.1. **Interess tal-industrija tal-Unjoni**

(245) L-investigazzjoni wriet li jekk il-miżuri jiskadu jkollhom effett negattiv fuq l-industrija tal-Unjoni. Il-miżuri reġgħu stabbilixxew kundizzjonijiet ekwi fis-suq tal-Unjoni. Dan ippermetta li kumpaniji ġodda jidħlu fis-suq, speċjalment fis-segmenti ta' livell tad-dħul u ta' livell medju. L-għadd ta' produtturi tar-roti elettriċi magħrufa tal-Unjoni kważi rdoppja minn bejn wieħed u ieħor 37 fl-2020 għal 67 fl-2023, minkejja l-isfidi li rriżultaw mis-sitwazzjoni ekonomika fil-perjodu 2022-2023. L-għadd ta' roti elettriċi prodotti fl-Unjoni żdied b'aktar minn 1 miljun bejn l-2020 (3,4 miljun) u l-2023 (4,5 miljun) u huwa previst li jkompli jiżdied. L-għadd ta' impjegati diretti żdied minn madwar 3 500 fil-perjodu ta' investigazzjoni oriġinali għal kważi 11 000 fil-perjodu ta' investigazzjoni għar-reviżjoni.

(246) Terminazzjoni tal-miżuri kompensatorji tpoġġi lill-produtturi tal-Unjoni f'riskju għoli, speċjalment dawk li jservu s-segmenti tar-roti elettriċi ta' livell tad-dħul u ta' livell medju, li jinkludu ħafna produtturi iżgħar fl-industrija tal-Unjoni.

(247) L-ikkumplikar tas-sitwazzjoni vulnerabbli huwa l-fatt li l-produzzjoni tar-roti elettriċi hija negozju intensiv ħafna ta' kapital, minħabba li stokkijiet sostanzjali ta' parts tar-roti huma meħtieġa f'kull ħin biex tinżamm il-produzzjoni. Barra minn hekk, il-produtturi tal-Unjoni għamlu investimenti kbar fil-produzzjoni sostenibbli u li ma tagħmilx ħsara lill-ambjent u fit-titjib tal-prodotti matul dawn l-aħħar snin. It-terminazzjoni tal-miżuri antisussidji timblokka l-iżvilupp ta' għarfien prattiku tal-inġinerija għall-applikazzjoni ta' teknoloġiji avvanzati aħħarija, inklużi l-awtomatizzazzjoni u l-materjali ġodda.

(248) Barra minn hekk, skont it-talba għal reviżjoni, l-industrija tar-roti elettriċi tal-Unjoni hija waħda mill-akbar industriji ekoloġiċi, b'aktar minn 1 000 intrapriża żgħira u ta' daqs medju (SMEs) li pprovdew bejn wieħed u ieħor 80 000 impjieg skont ir-rapport tal-2024 dwar l-Industrija Ewropea tar-Roti u l-Profil tas-Suq. Dan jinkludi impjiegi f'impjiegi ta' produzzjoni diretta u indiretta, industriji upstream, aċċessorji tar-roti, negozjanti tar-roti, eċċ.

(249) Fuq il-bażi ta' dan ta' hawn fuq, l-estensjoni tal-miżuri hija fl-interess tal-industrija tal-Unjoni.

6.2. **Interess tal-muntaturi**

(250) Il-Kummissjoni kkuntattjat lill-utenti u l-importaturi mhux relatati kollha magħrufa.

(251) Wara l-bidu, l-unika parti li ppreżentat ruħha u pprovdiet kummenti kien Grupp *ad hoc*, f'isem tmien kumpaniji żgħar, li jimmuntaw parts tar-roti elettriċi, li jiġu importati miċ-Ċina u minn pajjiżi terzi oħra, fl-Unjoni. Il-kumment prinċipali tagħhom kien relatat mal-implimentazzjoni tal-miżuri kontra l-importazzjonijiet ta' parts tar-roti (konvenzjonali) miċ-Ċina, li joħloq inċertezza dwar ir-regoli legali tal-importazzjoni tal-komponenti tar-roti elettriċi u, għalhekk, jagħmilha diffiċli li jiġu importati parts tar-roti elettriċi, li mhumiex soġġetti għal miżuri. Il-grupp oppona l-estensjoni tal-miżuri, prinċipalment minħabba l-problemi attwali bl-importazzjonijiet tal-komponenti, flimkien mar-riskju ta' estensjoni tal-miżuri għal dawn il-komponenti tar-roti elettriċi, u argumenta li l-użu tas-sorveljanza tas-suq biex tiġi skrutinizzata l-konformità tal-importazzjonijiet mir-RPĊ mar-regolamenti pertinenti kollha jkun aktar effiċjenti biex jiġu indirizzati l-importazzjonijiet ta' roti elettriċi nnegozjati b'mod inġust miċ-Ċina li spiss ikunu illegali u mhux sikuri.

(252) Madankollu, il-Kummissjoni qieset li mhuwiex realistiku li s-sorveljanza tas-suq u l-miżuri regolatorji biss jistgħu jipprevjenu d-dannu kkawżat mill-importazzjonijiet ta' roti elettriċi sussidjati mir-RPĊ. Barra minn hekk, kwistjonijiet ta' infurzar doganali fir-rigward tal-importazzjonijiet ta' komponenti tar-roti elettriċi ma jistgħux jiġġustifikaw it-terminazzjoni tal-miżuri, li kisbu l-effett intenzjonat. Fi kwalunkwe każ, l-infurzar tal-miżuri jaqa' barra mill-ambitu tal-investigazzjoni.

(253) Wara d-divulgazzjoni, il-Grupp *ad hoc* tenna l-istess affermazzjonijiet. Huwa argumenta li l-Kummissjoni għandha tiffoka fuq it-tisħiħ tas-sorveljanza tas-suq aktar milli testendi l-miżuri għad-difiża tal-kummerċ biex tindirizza l-kawżi ewlenin tad-distorsjonijiet tas-suq u tiżgura kundizzjonijiet ekwi għall-partijiet ikkonċernati kollha. Skont il-Grupp *ad hoc*, il-miżuri għad-difiża tal-kummerċ b'mod involontarju joħolqu qafas regolatorju li jrawwem l-importazzjonijiet ta' roti substandardizzati u mhux sikuri filwaqt li jagħmel il-ħajja tal-manifatturi serji tar-roti elettriċi mir-RPĊ b'ambizzjonijiet fit-tul fis-suq tal-Unjoni diffiċli.

(254) Il-Kummissjoni qieset li l-argumenti mqajma mill-Grupp ad hoc kienu diġà indirizzati fil-premessa (251). Peress li ma tressaq l-ebda kumment ġdid dwar is-sustanza, il-konklużjoni fil-premessa (252) ġiet ikkonfermata.

(255) Il-grupp *ad hoc* argumenta wkoll li r-revoka tal-miżuri għad-difiża tal-kummerċ ma twassalx għal żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet dannużi peress li, skonthom, sehem mis-suq modest ta' 4.4 % tal-importazzjonijiet Ċiniżi matul il-PIR dgħajjef l-affermazzjoni li l-importazzjonijiet Ċiniżi huma ta' theddida sinifikanti.

(256) Il-Kummissjoni qieset li ż-żieda fis-sehem mis-suq għal 4.4 % fil-PIR seħħet f'sitwazzjoni b'miżuri ta' difiża kummerċjali fis-seħħ. Minħabba l-miżuri għad-difiża tal-kummerċ, l-importazzjonijiet Ċiniżi kisbu biss sehem mis-suq ta' 2,1 punti perċentwali matul il-perjodu kkunsidrat. Meta titqies l-attraenza tas-suq tal-Unjoni, il-kapaċità tal-produzzjoni u l-kapaċità ta' riżerva fir-RPĊ u r-relazzjoni bejn il-prezzijiet tal-esportazzjoni lejn pajjiżi terzi u l-livell tal-prezzijiet fl-Unjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet li jekk il-miżuri jridu jiġu revokati, ikun hemm żieda sinifikanti fl-importazzjonijiet oġġett ta' dumping mir-RPĊ f'livelli ta' prezzijiet dannużi. Fuq din il-bażi, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

(257) Barra minn hekk, il-grupp *ad hoc* sostna li l-Kummissjoni bbażat ruħha fuq informazzjoni u allegazzjonijiet mhux ivverifikati li jikkompromettu l-imparzjalità tal-investigazzjoni, speċjalment dawk li ġejjin mill-applikant.

(258) Kif imsemmi fil-premessi (33) u (34), il-Kummissjoni applikat l-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku peress li l-kooperazzjoni mill-produtturi tar-roti elettriċi fir-RPĊ ma kinitx biżżejjed biex tagħmel sejbiet rappreżentattivi għall-fini ta' dan ir-rieżami ta' skadenza u n-nuqqas ta' kooperazzjoni mill-GTĊ u minn partijiet rilevanti oħra fir-RPĊ, il-Kummissjoni, f'konformità mal-Artikolu 28 tar-Regolament bażiku, irrikorriet għall-użu tal-fatti disponibbli. Konsegwentement, is-sejbiet fir-rigward tal-probabbiltà ta' kontinwazzjoni tas-sussidjar u l-probabbiltà u r-rikorrenza tad-dannu kienu bbażati fuq il-fatti disponibbli, b'mod partikolari l-informazzjoni sottomessa mat-talba għal rieżami, l-informazzjoni miksuba mill-partijiet li kkooperaw matul l-investigazzjoni tar-rieżami (jiġifieri, l-applikant u l-produtturi tal-Unjoni inklużi fil-kampjun), l-informazzjoni mis-sejbiet tal-Kummissjoni fl-investigazzjoni oriġinali, is-sejbiet tal-aktar investigazzjonijiet antisussidji reċenti mwettqa mill-Kummissjoni dwar l-industriji mħeġġa fiċ-Ċina u d-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni dwar Distorsjonijiet Sinifikanti. L-informazzjoni kollha sottomessa mill-produtturi tal-Unjoni fil-kampjun ġiet ivverifikata bir-reqqa. Fuq din il-bażi, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

6.3. **Interess tal-utenti u tal-importaturi mhux relatati**

(259) L-ebda utent jew importatur mhux relatat ma ppreżenta ruħu u kkoopera f'din l-investigazzjoni billi ppreżenta tweġiba għall-kwestjonarju minbarra s-sottomissjoni msemmija hawn fuq. Fuq il-bażi tal-informazzjoni disponibbli għall-Kummissjoni, hija sabet li ma kien hemm l-ebda evidenza li tikkontradixxi l-konklużjoni fl-investigazzjoni oriġinali li l-effetti negattivi fuq importaturi mhux relatati ma setgħux jitqiesu sproporzjonati u ttaffew mid-disponibbiltà ta' sorsi alternattivi ta' provvista. L-effetti pożittivi tal-miżuri kumpensatorji fuq is-suq tal-Unjoni, b'mod partikolari fuq l-industrija tal-Unjoni, kienu akbar mill-effett negattiv potenzjali fuq il-gruppi ta' interess l-oħra. Tabilħaqq, l-investigazzjoni kkonfermat li, minbarra ċ-Ċina, hemm dejjem aktar sors ieħor ta' provvista minn pajjiżi terzi. Għalhekk, il-Kummissjoni kkonkludiet li l-kontinwazzjoni tal-miżuri ma tkunx ta' detriment sproporzjonat għall-utenti u l-importaturi.

(260) Wara d-divulgazzjoni, parti interessata waħda ddikjarat li jekk il-miżuri ma jiġux revokati, ir-roti elettriċi se jkomplu jiġu pprezzati żżejjed bla bżonn u inqas disponibbli għall-utenti. Huma sostnew jekk il-miżuri jitħassru li t-tnaqqis fil-prezz tar-roti elettriċi jwassal għal żieda sinifikanti fil-bejgħ tar-roti elettriċi. Il-Kummissjoni qieset li prezzijiet aktar baxxi mhux neċessarjament iwasslu għal żieda fil-bejgħ, peress li s-sikurezza, il-kwalità, l-affidabbiltà u s-servizz, minbarra l-prezzijiet, huma wkoll kriterji meta l-utenti jikkunsidraw ix-xiri ta' rota elettronika. Barra minn hekk, jekk il-miżuri kellhom jitħassru, dan ikollu impatt negattiv fuq is-sitwazzjoni ekonomika tal-industrija tal-Unjoni, li jaffettwa l-innovazzjoni u l-varjetà tal-prodotti u jirriżulta f'inqas għażla għall-utenti. Fuq din il-bażi, din l-asserzjoni ġiet miċħuda.

6.4. **Konklużjoni dwar l-interess tal-Unjoni**

(261) Abbażi ta' dan ta' hawn fuq, il-Kummissjoni kkonkludiet li ma kienx hemm raġunijiet konvinċenti tal-interess tal-Unjoni kontra ż-żamma tal-miżuri eżistenti fuq l-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġina mir-RPĊ.

7. **MIŻURI ANTISUSSIDJI**

(262) Fuq il-bażi tal-konklużjonijiet li ntlaħqu mill-Kummissjoni dwar il-kontinwazzjoni ta' sussidjar, ir-rikorrenza ta' dannu u l-interess tal-Unjoni, il-miżuri antisussidji fuq l-importazzjonijiet tar-roti elettriċi li joriġinaw mir-RPĊ għandhom jinżammu.

(263) Sabiex jiġu minimizzati r-riskji ta' ċirkomvenzjoni minħabba d-differenzi fir-rati tad-dazju, jinħtieġu miżuri speċjali sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni tad-dazji kumpensatorji individwali. L-applikazzjoni tad-dazji kumpensatorji individwali hija applikabbli biss malli tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri. Il-fattura trid tkun konformi mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-regolament. Sakemm tiġi ppreżentata din il-fattura, l-importazzjonijiet għandhom ikunu soġġetti għad-dazju kumpensatorju applikabbli għall- "importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-RPĊ".

(264) Filwaqt li l-preżentazzjoni ta' din il-fattura hija meħtieġa sabiex l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jkunu jistgħu japplikaw ir-rati individwali tad-dazju kumpensatorju fuq l-importazzjonijiet, ma hijiex l-uniku element li għandu jitqies mill-awtoritajiet doganali. Tabilħaqq, anke jekk jiġu ppreżentati b'fattura li tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 1(3) ta' dan ir-Regolament, l-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri jridu jwettqu l-verifiki tas-soltu tagħhom u jistgħu, bħal fil-każijiet l-oħra kollha, jirrikjedu dokumenti addizzjonali (dokumenti tat-trasport, eċċ.) sabiex ikunu jistgħu jivverifikaw il-preċiżjoni tad-dettalji li jkun hemm fid-dikjarazzjoni u jiżguraw li l-applikazzjoni sussegwenti tar-rata tad-dazju aktar baxxa tkun ġustifikata, f'konformità mal-liġi doganali.

(265) Jekk l-importazzjonijiet lejn l-Unjoni minn waħda mill-kumpaniji li jibbenefikaw minn rati tad-dazju individwali aktar baxxi jiżdiedu b'mod sinifikanti fil-volum wara l-impożizzjoni tal-miżuri kkonċernati, din iż-żieda fil-volum tista' tiġi kkunsidrata bħala waħda li fiha nfisha tikkostitwixxi bidla fix-xejra tal-kummerċ minħabba l-impożizzjoni ta' miżuri skont it-tifsira tal-Artikolu 23(1) tar-Regolament bażiku. F'ċirkostanzi bħal dawn u dment li l-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati, tista' tinbeda investigazzjoni antiċirkomvenzjoni. Din l-investigazzjoni tista', fost oħrajn, teżamina l-ħtieġa għat-tneħħija ta' rata/i tad-dazju individwali u l-impożizzjoni konsegwenti ta' dazju fil-pajjiż kollu.

(266) Ir-rati tad-dazju kumpensatorju tal-kumpaniji individwali speċifikati f'dan ir-Regolament japplikaw biss għall-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li joriġinaw mir-RPĊ u li jiġi prodott mill-entitajiet legali msemmija. L-importazzjonijiet tal-prodott taħt rieżami li jiġi prodott minn kwalunkwe kumpanija oħra mhux imsemmija speċifikament fil-parti operattiva ta' dan ir-Regolament, inklużi entitajiet relatati ma' dawk speċifikament imsemmija, għandhom ikunu soġġetti għar-rata tad-dazju applikabbli għal "L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina". Dawn ma għandhom ikunu soġġetti għall-ebda waħda mir-rati tad-dazju kumpensatorju individwali.

(267) Kumpanija tista' titlob l-applikazzjoni tar-rata tad-dazju individwali jekk sussegwentement tibdel l-isem tal-entità tagħha. It-talba trid tkun indirizzata lill-Kummissjoni ([88]). It-talba trid tinkludi l-informazzjoni rilevanti kollha li turi li l-bidla ma taffettwax id-dritt tal-kumpanija li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha. Jekk il-bidla fl-isem tal-kumpanija ma taffettwax id-dritt tagħha li tibbenefika mir-rata tad-dazju li tapplika għaliha, regolament emendatorju li jinforma dwar il-bidla fl-isem jiġi ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(268) Fid-dawl tal-Artikolu 109 tar-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([89]) dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni meta jkollu jiġi rimborżat ammont wara sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, l-imgħax li għandu jitħallas għandu jkun ir-rata applikata mill-Bank Ċentrali Ewropew għall-operazzjonijiet ta' rifinanzjament prinċipali tiegħu, kif ippubblikata fis-serje C ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-ewwel jum kalendarju ta' kull xahar.

(269) Il-miżuri previsti f'dan ir-regolament huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15(1) tar-Regolament (UE) 2016/1036.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

1. Dazju kumpensatorju definittiv huwa impost fuq l-importazzjonijiet tar-roti, b'assistenza ta' pedali, b'magna elettrika awżiljarja, li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina, li attwalment jaqgħu taħt il-kodiċijiet NM 8711 60 10 u ex 8711 60 90 (il-kodiċi TARIC 8711 60 90 10).

2. Ir-rata tad-dazju kumpensatorju definittiv applikabbli għall-prezz nett, b'xejn fil-fruntiera tal-Unjoni, qabel id-dazju, tal-prodott deskritt fil-paragrafu 1 u manifatturat mill-kumpaniji elenkati hawn taħt għandha tkun kif ġej:

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju kumpensatorju definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
Ir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	Bodo Vehicle Group Co., Ltd.	15,1 %	C382
	Giant Electric Vehicle (Kunshan) Co., Ltd.	3,9 %	C383

([88]) Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Kummerċ, id-Direttorat G, Rue de la Loi 170, 1040 Brussell, il-Belġju.

([89]) Ir-Regolament (UE, Euratom) 2024/2509 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Settembru 2024 dwar ir-regoli finanzjarji applikabbli għall-baġit ġenerali tal-Unjoni (ĠU L, 2024/2509, 26.9.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/2509/oj).

Pajjiż ta' oriġini	Kumpanija	Dazju kumpensatorju definittiv	Kodiċi addizzjonali TARIC
	Jinhua Vision Industry Co., Ltd u Yongkang Hulong Electric Vehicle Co., Ltd	8,5 %	C384
	Suzhou Rununion Motivity Co., Ltd	17,2 %	C385
	Yadea Technology Group Co., Ltd	10,7 %	C463
	Kumpaniji oħra li kkooperaw elenkati fl-Anness I	9,2 %	Ara l-Anness I
	Kumpaniji li ma kkooperawx fir-regolament antisussidji oriġinali, iżda li kkooperaw fl-investigazzjoni anti-dumping oriġinali parallela elenkati fl-Anness II	17,2 %	Ara l-Anness II
	L-importazzjonijiet l-oħra kollha li joriġinaw mir-Repubblika tal-Poplu taċ-Ċina	17,2 %	C999

3. L-applikazzjoni tar-rati tad-dazju individwali speċifikati għall-kumpaniji msemmija fil-paragrafu 2 għandha ssir bil-kundizzjoni li tiġi ppreżentata fattura kummerċjali valida lill-awtoritajiet doganali tal-Istati Membri, li fuqha għandha tidher dikjarazzjoni datata u ffirmata minn uffiċjal tal-entità li toħroġ tali fattura, identifikat b'ismu u l-kariga tiegħu, abbozzata kif ġej: "Jien, hawn taħt iffirmat, niċċertifika li l-(volum) tal-(prodott taħt rieżami) mibjugħ biex jiġi esportat lejn l-Unjoni Ewropea u kopert minn din il-fattura ġie manifatturat minn (l-isem u l-indirizz tal-kumpanija) (kodiċi addizzjonali TARIC) fi [pajjiż ikkonċernat]. Jiena niddikjara li l-informazzjoni pprovduta f'din il-fattura hija kompluta u korretta." Jekk ma tiġix ippreżentata fattura bħal din, għandu japplika d-dazju applikabbli għall-kumpaniji l-oħrajn kollha.

4. F'każijiet fejn id-dazju kompensatorju jkun tnaqqas mid-dazju anti-dumping għal ċerti produtturi esportaturi, ir-rikjesti għar-rifużjonijiet skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (UE) 2016/1037 għandhom ukoll iwasslu għall-valutazzjoni tal-marġni ta' dumping għal dak il-produttur esportatur prevalenti waqt il-perjodu ta' investigazzjoni tar-rifużjoni. L-ammont li għandu jiġi rimborżat lill-applikant għal rifużjoni ma jistax jaqbeż id-differenza bejn id-dazju miġbur u d-dazju kumpensatorju u anti-dumping ikkombinat stabbilit fl-investigazzjoni tar-rifużjoni.

5. Sakemm ma jkunx speċifikat mod ieħor, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet fis-seħħ dwar id-dazji doganali.

Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-23 ta' Jannar 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Isem	Provinċja	Kodiċi TARIC addizzjonali
Acetrikes Bicycles (Taicang) Co., Ltd.	Jiangsu	C386
Active Cycles Co., Ltd.	Jiangsu	C387
Aigeni Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C388
Alco Electronics (Dongguan) Limited	Guangdong	C390
Changzhou Airwheel Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C392
Changzhou Bisek Cycle Co., Ltd.	Jiangsu	C393
Changzhou Fujiang Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C484
Changzhou Rich Vehicle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C395
Changzhou Sobowo Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C397
Changzhou Steamoon Intelligent Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C398
Cycleman E-Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C400
Dongguan Benling Vehicle Technology Co., Ltd.	Guangdong	C401
Dongguan Honglin Industrial Co., Ltd, Melton Industrial (Dong Guan) Co., Ltd	Guangdong	C402
Easble Electricity Technology Co., Ltd.	Tianjin	C451
“Enjoycare Technology (Zhejiang) Co., Ltd.	Zhejiang	C419
Foshan Lano Bike Co., Ltd.	Guangdong	C405
Foshan Zenith Sports Co., Ltd.	Guangdong	C406
Guangzhou Symbol Bicycle Co., Ltd.	Guangdong	C410
Hangzhou Fanzhou Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C411
Jiangsu Imi Electric Vehicle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C415
Jiangsu Lvneng Electrical Bicycle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C416
Jiangsu Stareyes Bicycle Industrial Co., Ltd.	Jiangsu	C417
Jiaxing Onway Ev Tech Co., Ltd.	Zhejiang	C418
Jinhua Feirui Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C420
Jinhua Jobo Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C421
Jinhua Feirui Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C486
Jinhua Suntide Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C422
Jinhua Zodin E-Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C424
Kenstone Metal (Kunshan) Co., Ltd.	Jiangsu	C425
Komda Industrial (Dongguan) Co., Ltd.	Guangdong	C426
Kunshan Sevenone Cycle Co., Ltd.	Jiangsu	C427
Nantong Tianyuan Automatic Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C429
Ningbo Bestar Co., Ltd.	Zhejiang	C430
Ningbo Lvkang Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C431
Ningbo Nanyang Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C432
Ningbo Oner Bike Co., Ltd.	Zhejiang	C433

Isem	Provinċja	Kodiċi TARIC addizzjonali
Ningbo Roadsan New Energy Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C435
Ningbo Zixin Bicycle Industry Co., Ltd.	Zhejiang	C437
Pronordic E-Bikes Limited Company	Jiangsu	C438
Shenzhen Shenling Car Co., Ltd.	Guangdong	C442
Sino Lithium (Suzhou) Electric Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C443
Skyland Sport Tech Co., Ltd.	Tianjin	C444
Suzhou Guoxin Group Fengyuan Imp &Exp. Plot No.	Jiangsu	C446
Changzhou Fujiang Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C487
Tianjin Luodeshengda Bicycle Co., Ltd.	Tianjin	C449
Tianjin Upland Bicycle Co., Ltd.	Tianjin	C450
Ubchoice Co., Ltd.	Guangdong	C452
Il-Korporazzjoni ta' Wettsen	Shandong	C454
Wuxi Shengda Bicycle Co., Ltd. u Wuxi Shengda Vehicle Technology Co., Ltd	Jiangsu	C458
Wuxi United Mobility Technology Inc	Jiangsu	C459
Xiangjin (Tianjin) Cycle Co., Ltd.	Tianjin	C462
Yong Qi (iċ-Ċina) Corp Industrijali tar-Roti	Jiangsu	C464
Yongkang Juxiang Vehicle Co, Ltd.	Zhejiang	C466
Yongkang Lohas Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C467
Yongkang Mars Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C468
Zhejiang Apollo Motorcycle Manufacturer Co., Ltd.	Zhejiang	C469
Zhejiang Baoguilai Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C470
Zhejiang Goccia Electric Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C472
Zhejiang Luyuan Electric Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C488
Zhejiang Jsl Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C473
Zhejiang Kaiyi New Material Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C474
Zhejiang Lianmei Industrial Co., Ltd.	Zhejiang	C475
Zhejiang Tuer Vehicle Industry Co., Ltd.	Zhejiang	C477
Zhejiang Xingyue Electric Vehicle Co., Ltd. Zhejiang Xingyue Overfly Electric Vehicle Co., Ltd. u Zhejiang Xingyue Vehicle Co., Ltd.,	Zhejiang	C478
Zhongxin Power (Tianjin) Bicycle Co., Ltd.	Tianjin	C480

ANNESS II

Isem	Provinċja	Kodiċi TARIC addizzjonali
Aima Technology Group Co., Ltd.	Tianjin	C389
Beijing Tsinova Technology Co., Ltd.	Bejġing	C391
Changzhou Hj Pedal Co., Ltd.	Jiangsu	C394
Changzhou Merry Ebike Co., Ltd.	Jiangsu	C456
Changzhou Bisek Cycle Co., Ltd.	Jiangsu	C396
Cutting Edge Power Vehicle Int'l TJ Co., Ltd.	Tianjin	C399
Eco International Elebike Co., Ltd.	Jiangsu	C403
Everestt International Industries Ltd.	Jiangsu	C404
Geoby Advance Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C407
Guangdong Commercial Trading Imp. & Exp. Corp., Ltd.	Guangdong	C408
Guangdong Shunde Junhao Science & Technology Development Co., Ltd.	Guangdong	C409
Hangzhou Morakot E-Bike Manufacture Co., Ltd.	Zhejiang	C412
Hangzhou TOP Mechanical And Electrical Technology, Co. Ltd.	Zhejiang	C413
Hua Chin Bicycle & Fitness (H.Z.) Co., Ltd.	Guangdong	C414
Jinhua Yifei Electric Science And Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C423
Nanjing Jincheng Machinery Co., Ltd.	Jiangsu	C428
Ningbo Pugonying Vehicle Technology Co., Ltd.	Zhejiang	C434
Ningbo Shenchima Vehicle Industry Co., Ltd.	Zhejiang	C436
Shandong Eco Friendly Technology Co., Ltd.	Shandong	C439
Shanghai Promising Int'l Trade & Logistics Co., Ltd.	Shanghai	C440
Shenzhen SanDin Cycle Co., Ltd.	Guangdong	C441
Suzhou Dynavolt Intelligent Vehicle Technology Co., Ltd.	Jiangsu	C445
Suzhou Joydeer E-Bicycle Co., Ltd	Jiangsu	C447
Taioku Manufacturing (Jiangsu) Co., Ltd.	Jiangsu	C448
Universali Cycle Corporation (Guang Zhou)	Guangdong	C453
Wuxi Bashan E-Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C455
Wuxi METUO Vehicle Co., Ltd.	Jiangsu	C457
Wuyi Simino Industry & Trade Co., Ltd.	Zhejiang	C460
Wuyi Yuema Leisure Articles Co., Ltd.	Zhejiang	C461
Yongkang Aijiu Industry & Trade Co., Ltd.	Zhejiang	C465
Zhejiang Enze Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C471
Zhejiang Luyuan Electric Vehicle Co., Ltd.	Zhejiang	C476
Zhongshan Qiangli Electronics Factory	Guangdong	C479